# SEBGĦIN SENA STORJA

Tagħrif miġbur minn **Raymond Agius**

## Introduzzjoni

Il-bidu tas-snin tletin f'Malta, kienu snin ta' taqlib kbir ta' natura soċjali, politiku u reliġjuż. Iż-Żejtun, xejn inqas minn bnadi oħra f'Malta u Għawdex, kien imdaħħal sew f'dan kollu, anzi f'ċertu sens iż-Żwieten kienu protagonisti f'dawn il-ġrajjiet.

L-Għaqda Banda Żejtun nnifisha, frott ta' dawn il-ġrajjiet, twaqqfet f'Settembru 1933, waqt li l-Banda Żejtun bdiet tiffunzjona f'Novembru 1930. Għall-ewwel dawn iż-żewġ avvenimenti fi spazju ta' tliet snin u kif l-ewwel twaqqfet il-**banda** u wara l-**Għaqda**, jaħbtu jfixkluk. Iżda meta ssir taf bil-ġrajja sħiħa tifhem kif u għaliex seħħ dan kollu.



*Kumitat 'Dar tal-Ħaddiema' (1927)*
*wara: K. Tabone, L. Marun, A. Lungaro, G. Mizzi u E. Spiteri.*
*fin-nofs: A. Caruana, K. Tabone, K.M. Caruana, S. Mifsud, K. Abela u E. Gatt.*
*quddiem: N. Carabott, B. Magro, N. Attard, M. Caruana, G. Zammit, K. Grima u G.M. Caruana.*

## Snin it-Tnissil

L-ewwel Kumitat tal-Partit tal-Ħaddiema fiż-Żejtun twaqqaf fl-1922, iżda wara xi żmien ma baqax jiffunzjona. Fit-18 ta' April 1927 **Nikola Attard** u **Mikiel Caruana** laqqgħu kumitat proviżjorju ġdid. Magħhom issieħbu **Ġanni Zammit, Benedett Magro, Ċensu Caruana, Karmenu Tabone, Piu Caruana, Karmenu Vella, Antonio Caruana** u **Nurat Bugeja**.

Bdew ifittxu dar għall-każin u jħejju għal-laqgħa ġenerali li saret fil-5 ta' Settembru ta' l-istess sena. L-ewwel kumitat ġie ffurmat hekk:

| | |
|---|---|
| President | Mikiel Caruana |
| Viċi President | Nikola Attard |
| Segretarju | Ġanni Zammit |
| Assistent Segretarju | Karmenu Grima |
| Kaxxier | Benedett Magro |
| Assistent Kaxxier | Nazzareno Carabott |
| Direttur | Karmenu Vella |

Membri: Anton Caruana, Ġużeppi Caruana, Nazzarenu Cardona, A. Busuttil, Salvu Mifsud, Grezzju Mallia, Karmenu Tabone, Konsulat Caruana, Ġużeppi Mizzi, L. Sciberras, Anton Lungaro u Vincenzo Azzopardi.

Bħala direttur spiritwali ġie magħżul il-Kanonku Dun Ġwann Vella.

Il-kumitat proviżorju kien tħabat sabiex jikri dar għall-każin u kien hemm ħsieb li jieħdu dar fi Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill iżda flus biżżejjed għall-kera mitlub ma kienx hemm. Għalhekk laqgħu l-offerta tal-President Mikiel Caruana li d-dar proprjetà tiegħu, Numru 26 *Piazza Maggiore* (illum Misraħ Girgor Bonici) tintuża bħala każin.

Il-kumitat il-ġdid intefa' b'ruħu u b'ġismu għal xogħol bla heda b'riżq iż-Żejtun u ż-Żwieten. Minn barra l-volumi ta' ittri li nkitbu lill-Aworità sabiex jgħinu l-kotra li dak iż-żmien kienet tinsab f'kull xorta ta' bżonn, l-Għaqda bdiet klassijiet għat-tagħlim tal-Malti b'xejn. Kienu minn ta' quddiem biex titressaq il-liġi tal-kontroll tal-kera, il-proġett Ebejer, u l-*Compensation Act* għal min iweġġa' fuq ix-xogħol. Ġabru l-firem ta' tliet mija u erbgħa u



*'Labour Jazz Band' (1928)*
*wara: S. Abela, T. Caruana, G. Abela, C. Cassar u K. Camilleri.*
*fin-nofs: S. Pace, G. Gauci, C. Caruana, T. Zammit u G. Zahra.*
*quddiem: K. Grima, M. Borg, K. Gafà, G. Bartolo u G. Dimech.*

sittin persuna sabiex is-servizz tad-dawl elettriku jitwassal iż-Żejtun u rsistew sabiex il-pjazza tinkesa bis-siment u jinqata' t-trab mit-toroq tar-raħal.

## Il-Labour Jazz

Minn barra l-politika kienu jeħdew bil-mużika. Xi wħud kienu jdoqqu strumenti mużikali, billi kienu telqu mill-Għaqda Mużikali Beland, taż-Żejtun. Waqt seduta tat-Tnejn 16 ta' April 1928 Anton Caruana għamel proposta biex fil-każin titwaqqaf *Jazz Band*. Karmenu Grima ssekondah. Sitta minn dawk preżenti vvutaw favur u sitta oħra vvutaw kontra. Ġużeppi Maria Caruana l-pittur, li kien qed jippresiedi l-laqgħa, ivvota favur u l-proposta għaddiet.

Dan il-proġett mexa 'l quddiem u fis-seduta ta' l-24 ta' Lulju ta' l-istess sena Karmenu Grima ppropona li jibdew jixtru l-istrumenti. Il-minuti jaqraw hekk, *Proposta mis-Sur C. Grima biex jinxtraw xi strumenti għall-Jazz Band. C. Grima ddeċieda li jixtri l-istrumenti tiegħu oboe, C. Caruana jixtri tiegħu euphonium, G. Gauci jixtri tiegħu trumbun...* Il-bumbardun inxtara bejn Karmenu Grima, Ġanni Zammit, Benedett Magro, Ġużeppi Maria Caruana u Konsulat Caruana bil-kundizzjoni li jitħallsu lura meta jkun hemm fondi fil-kaxxa tal-każin. Il-każin xtara l-kumplament u hekk fi ħdan id-Dar tal-Ħaddiema taż-Żejtun twaqqfet il-***Labour Jazz*** b'kumpless ta' ħmistax.

F'qasir żmien din il-*Jazz Band* kisbet popolarità. Bosta kienu jistiednu dan il-kumpless għall-ballijiet, tiġien u reċti tat-teatrin. Naturalment kienet tieħu sehem ukoll f'*meetings* jew attivitajiet oħra tal-Partit tal-Ħaddiema, kif ukoll fieri, tombla u l-festi ta' l-ewwel ta' Mejju. Il-*Jazz Band* kien imexxija l-Kurunettista **Salvu Pace**. Tant għamlet isem li f'Mejju ta' l-1929 ġiet mistiedna tieħu sehem fil-festa titulari tal-Marsa. Karmenu Grima li kien segretarju wieġeb, "ma nistgħux nilqgħu x-xewqa tagħkom għar-raġuni li m'aħniex armati biex indoqqu barra f'okkażjonijiet bħal dawn."

## Żejtun Band




Is-sena 1930 kienet kruċjali għall-iżvilupp tal-banda. Talbiet bħal dik tal-Marsa u l-fatt li kull membru tal-*Jazz Band* ħa l-inkarigu li jgħallem ieħor minn fost il-ħafna żgħażagħ li kienu jiffrekwentaw il-każin, għenu bis-sħiħ biex f'qasir żmien in-numru ta' bandisti rdoppja.

Il-*Jazz Band* bdiet tieħu xejra ta' banda regolari tant li f'okkażjoni ta' fiera fl-20 f'April 1930, organizzata mill-każin fiċ-*Cine Carabott* (fejn illum hemm il-fergħa ta' l-irġiel tal-MUSEUM) il-banda għamlet marċ. Kien Ħadd il-Għid. Il-marċ kien suċċess u fis-seduta tat-22 ta' Mejju 1930 il-Kurunettista Salvu Pace ressaq talba sabiex il-kumitat jaħtar surmast direttur tal-banda. Huwa ppropona lil Onorat Gauci kurunettista msemmi u assistent direttur tal-Banda Queen's Own ta' l-Isla. Karmenu Grima ssekondah. Il-proposta għaddiet bi tlettax-il vot favur u wieħed kontra. Fl-istess laqgħa Nazzareno Cardona ppropona li jitfasslu regolamenti għall-banda, bandisti u allievi.

Is-Surmast Onorat Gauci daħal għax-xogħol il-ġdid bl-akbar entużjażmu. Kull ġimgħa kien jagħti lezzjonijiet u jorganizza kunċerti tal-banda sħiħa. Tant għamlu kuraġġ li fit-22 ta' Ġunju u s-17 ta' Awissu l-banda daqqet waqt tombli kbar fil-pjazza ta' quddiem il-każin. F'Ottubru sar programm ieħor li baqa' jissemma, u l-banda bdiet iġġib l-isem Żejtun Band.

## L-Ewwel Programm fil-festa ta' Santa Katerina V.M.

Dan kollu ħajjar lill-kumitat, surmast, bandisti u msieħbin li jibdew jieħdu sehem fil-festa ta' Santa


THE MALTA CHRONICLE AND IMPERIAL SERVICES GAZETTE

November ~~18~~ 22 1930

LOCAL NEWS.

(Continued from page 15)

for the occasion of the feast commem-
commemorating
orating the Martyrdom of St. Catherine, the patronal Saint of Zeitun, to be celebrated on Tuesday next, the 25th instant the "Labour Party Band" of that village will play on the Church Square of Zeitun, to-day, (the 2nd day of the solemn Triduum) at 7.30 p.m. The following is the programme:

Symphonic March—22nd November—Gauci
Overture—Festosa—Fucini
Selection—Norma—Bellini
Diver—Bizzarra—Gould
Polka—Emperor's Island—N.N.
Labour Party Hymn.
God Save the King.

Onorato Gauci,
Musical Director.

Before the programme the band will parade the principal streets of the village playing marches, preceded and followed by sympathisers carrying Bengal lights.

In connection with this programme, it will be remembered that the Parish Priest of Zeitun had refused to grant permission to the Labour Party Band to play on *any* day in connection with the feast of the patronal Saint, notwithstanding that a petition for permission to play had been signed by over 800 of his parishioners. It was a repetition of the Mellieha incident, between the Parish Priest and the Imperial Band of that village in connection with the "Vittoria" feast. This time, however, the necessary permission to the Labour Party Band of Zeitun has been granted by the Police Authorities.

*Parti mill-'Malta Chronicle' ta' dak iż-żmien.*

Katerina minn dik is-sena stess. Iżda biex jgħaddu mill-kliem għall-fatti kellhom jikkumbattu bi sħiħ.

Fl-1930 kienet għaddejja ġlieda politika reliġjuża qalila. Il-kappillan spiritwali, innominat mill-Isqof, Dun Manwel Camilleri kien telaq minn din il-kariga fil-każin minħabba kwistjoni fuq l-ewwel ta' Mejju, il-bandiera ħamra u l-appoġġ li l-Għaqda kienet qed tagħti lil Ċensu Bugeja. Barra dan il-każin bħala fergħa tal-Partit tal-Ħaddiema kien milqut mill-pastorali li ħarġet f'Mejju, ta' dik is-sena.

Il-programm tal-banda għall-festa ta' Santa Katerina kien imħejji għall-Ħadd 23 ta' Novembru l-aħħar jum tat-tridu. Iżda biex il-permess jimxi u l-pulizija taqbel, kien meħtieġ il-kunsens tal-prokuratur tal-festa. Dan ma ffermax.

Barra li kienet banda ġdida, kienet ukoll parti integrali mill-Każin Laburista. Għalhekk ħasbu biex iwasslu l-ilment tagħhom lill-Gvernatur Ingliż, u insistew li l-permess għandu joħroġ mill-pulizija bla ndħil ta' ħadd.

B'xorti tajba kienu ħasbu kmieni. L-ittra għall-permess lill-Kummissarju tal-Pulizija, li dak iż-żmien kien Ingliż, inkitbet fl-10 ta' Settembru. Meta deher li l-permess mhux se joħroġ saru bosta protesti lill-Kummissarju tal-Pulizija ffirmata minn tmien mitt ruħ. Il-permess tal-kummissarju ħareġ tlett ijiem qabel il-programm.


ZEITUN JAZZ BAND

21 Piazza Maggiore
Zeitun
11th September 1930

Sir,

I the undersigned most respectfully beg to submit for your consideration that we may be granted permission to play a Programme at Piazza Maggiore Zeitun (Upper Square) on the 23rd November 1930 at 7.0 P.M.

Also that we may be permitted to parade the streets playing marches, starting from the club [illegible] and back to the club commencing at 5.30 P.M. approx (after church Benediction)

Trusting that our application will meet with your kind approval

I have the honour to be
Sir
Your obedient Servant
[illegible]
Secretary

The Commissioner of Police
Valletta

*Ritratt ta' l-applikazzjoni.*

Karmenu Grima li kien minn ta' quddiem f'din il-kwistjoni ħalla miktub: *Bħala tħejjija għall-festa kien soltu li dak in-nhar il-pjazza tkun mixgħula kollha, iżda għall-kuntrarju, f'din l-okkażjoni kien hemm dalma perfetta u l-uniku dawl kien mil-lampi tal-gass madwar il-planċier tal-banda. Il-banda kellha ħbieb tagħha mill-Banda Unione ta' Ħal Luqa li kienu jiġu jdoqqu magħna bla ħlas biex aktar tissaħħaħ.*

*Minkejja dak li ġara kien hemm bosta entużjażmu u dakinhar il-banda qalgħet bosta rigali.*

## F'Salib it-Toroq

Wara din il-magħmudija tad-demm il-banda aktar issaħħet. Fis-seduta tat-18 ta' Settembru kien ġie deċiż li jitwaqqaf sotto-kumitat għall-banda u dan beda jiffunzjona fuq bażi regolari fil-bidu tas-sena 1931. Fl-istess sena s-Surmast Onorat Gauci



*'Dar tal-Ħaddiema' Numru 26 Piazza Maggiore.*



*Il-Barumbara.*



'Dar tal-Ħadiema' Numru 12 Piazza Brittanica.

sab impjieg bħala surmast tal-banda fuq bastiment tal-passiġġieri. Minfloku nħatar is-Surmast Żejtuni Ġużeppi Marija Dalli, b'ibnu Hector, li diġà kien bandist regolari u membru mill-aktar attiv tal-każin, bħala assistent surmast. It-tagħlim tal-mużika mexa 'l quddiem b'pass mgħaġġel, żdiedu l-bandisti u għola l-livell tal-programmi. Il-banda kienet tabilħaqq waqfet fuq saqajha.

Għall-kuntrarju, il-kumitat u l-każin kienu f'għawġ kbir. L-ewwel president ta'l-Għaqda Mikiel Caruana u proprjetarju tal-każin telaq mill-Partit tal-Ħaddiema u rama partit għal rasu. Minnufih talab lura d-dar u fetaħ kawża quddiem il-bord tal-kera.

L-inkwiet bejn partit u Knisja ma waqafx. Għas-soċi dan kien tfixkil kbir għax ma kinux jistgħu jqerru. F'Lulju ta' l-1932 il-kumitat irrapporta lis-Sur G. Bencini segretarju ġenerali tal-partit li minn tliet mitt soċju kien baqa' biss tmenin.

Il-qagħda marret iżjed għall-agħar meta l-każin ma ngħatax aktar permessi għall-fieri u tombli li kienu l-uniku mezz ta' dħul sostanzjali. Il-permessi kienu joħorġu fuq il-banda iżda din ġiet *blacklisted* bħala fergħa integrali ta' partit politiku.

Għad-Dar tal-Ħaddiema fiż-Żejtun ma kienx hemm l-ebda ħniena. Fid-29 ta' Diċembru 1932 il-bord tal-kera qata' s-sentenza kontra l-każin. L-Għaqda sabet ruħha barra.

Tgħid dan l-għawġ kollu ħabat f'daqqa kumbinazzjoni? Kien x'kien, il-kumitat u s-soċi riedu jaraw x'se jagħmlu. Bosta kienu qed jaħsbu li l-unika triq kienet li jżarmaw.

## Ħajja jew Mewt

Hekk bdiet is-sena 1933.

Kienu f'baħar tabilħaqq imqalleb u mdawra bi sħab iswed dlam. Iżda l-President Nikol Attard u l-kumitat baqgħu magħquda ponn. Flok bkew xortihom ntefgħu għall-ħidma. Kellhom żewġ problemi kbar quddiemhom. Riedu dar kbira biżżejjed għall-każin u f'post ċentrali fir-raħal. Fl-istess waqt kien meħtieġ li b'xi mod iżommu l-każin milli jagħlaq minħabba l-inkwiet bejn Partit u Knisja. Żmien wisq ma kellhomx.

Kienu bla dar u dabbru rashom kif setgħu f'żewġt ikmamar waħda fuq l-oħra f'Numru 15 fi *Piazza Maggiore*. Il-post kien tlaqqam *Il-Barumbara*. B'xorti tajba wara xahrejn sabu dar oħra Numru 12 *Piazza* Brittanic (illum Misraħ Diċembru 13) u ġarrew għal hemm. Hawn il-każin dam biss sena. Lejn tmien l-1933 tbattlet id-dar fejn illum jinsab il-każin, dak iż-żmien Numru 14 u 14a *Piazza Maggiore* u l-kumitat irnexxielu jeħodha b'kera. Fl-aħħar kien instab post xieraq u b'ċans li jitkabbar għall-progress ta' l-Għaqda u l-kumditià tas-soċi. Il-ftehim dwar il-kera tad-dar, li kienet proprjetà tas-Sur Grezzju Mallia ġie approvat waqt seduta li saret fid-29 ta' Jannar 1934 u l-każin il-ġdid infetaħ fil-bidu ta' dik is-sena.



*Grupp tal-Jazz li kien jakkumpanja x-xalati.*
*Fuq quddiem: J.M. Desira, N. Caruana u G. Galea.*
*Fuq wara: G. Busuttil, F. Chetcuti, V. Galea, J. Grech, P. Spiteri, J. Attard, E. Dalli u J. Abela.*

## Żejtun Band Club

Meta nfetaħ il-każin fil-post il-ġdid l-isem ta' l-Għaqda nbidel minn **Dar il-Ħaddiema** għal **Żejtun Band Club**. Dan l-isem ġdid kien irreġistrat mal-pulizija fl-20 ta' Settembru 1933.

X'kien ġara?

Meta fir-Randan ta' l-1933 l-Għaqda kienet bla dar bosta membri talbu laqgħa ġenerali straordinarja. Din saret fit-30 ta' April u t-tmenin membru preżenti unanimament qablu li *sakemm tinstab soluzzjoni għat-tilwim bejn partit u Knisja*

*jinħallu mill-irbit politiku...* Iddeċidew ukoll li jibqgħu jżommu l-isem *Dar tal-Ħaddiema*.

Waqt li dan il-pass għen biex il-membri jaqdu d-doveri reliġjużi, il-każin u l-banda xorta baqgħu mċaħħdin mill-permessi għall-fieri jew tombli.



*Ġużeppi Attard*

Fl-24 ta' Mejju 1933 iż-żagħżugħ **Ġużeppi Attard** ressaq petizzjoni ffirmata minn 40 soċju. Ġużeppi li kien idoqq il-kwartin, flimkien ma' sħabu ppropona li biex joħorġu mill-problemi, l-Għaqda tieħu l-isem **Żejtun Band Club**. Il-Kumitat ma aċċettax il-petizzjoni għaliex wieħed mill-firmatarji ma kienx membru. Xi membri tal-kumitat ħassew li din il-petizzjoni kienet mozzjoni ta' sfiduċja. Iżda Ġużeppi Attard ma qatax qalbu u ħamestijiem wara reġa' ressaq l-istess petizzjoni u din id-darba l-kumitat qabel li jressaqha quddiem il-laqgħa ġenerali.

Għalhekk fl-10 ta' Settembru ta' l-istess sena f'laqgħa oħra straordinarja l-membri qablu li l-każin jissemma **Żejtun Band Club** u l-isem jibda jintuża meta jġorru għad-dar il-ġdida. Iż-Żwieten xorta baqgħu jirreferu għall-każin u l-banda bħala, *Tal-Lejber*.

Hekk minkejja t-tfixkil kollu u kontra dak li kienu bassru bosta, sa tmiem l-1933 l-għaqda rnexxiela ssib mod kif tibqa' miexja 'l quddiem.

## Ħajja Ġdida

Għalkemm il-bidla ma seħħitx f'daqqa u ħadet is-snin, jidher ċar li l-Għaqda ħadet bixra ta' każin tal-banda mill-1934 'l hawn. Għalkemm l-għan ewlieni kien inbidel, il-qalba tal-kumitat u msieħbin baqgħu l-istess. Lanqas ma feġġet xi fergħa għal rasha u l-kumitat għas-ena 1934 ġie maħtur hekk:

| | |
|---|---|
| President Onorarju | It-Tabib Pawlu Boffa |
| President | Nikola Attard |
| Viċi President | Karmenu Grima |
| Segretarju | Mikiel Farrugia |
| Assistent Segretarju | Emmanuele Gruppetta |
| Kaxxier | Benedett Magro |
| Assistent Kaxxier | Karmenu Gafà |

Membri: Anton Lungaro, Consolat M. Caruana, Pietru Seychell, Anton Cordona, Ġużeppi Galea, Karmenu Tabone, Ġużeppi Sciberras u Karmenu Azzopardi.

Ġużeppi Attard u Ċensu Azzopardi nħatru reviżuri.



***It-Tabib Pawlu Boffa, l-ewwel President Onorarju.***

Il-banda issa saret il-qofol ta' kull attività tal-każin. It-tradizzjoni tal-banda kienet waħda popolari u għalhekk kienet tieħu sehem f'tombli, fieri, karnival u okkażjonijiet ta' din ix-xeħta. Ħaġa minn awl id-dinja, kumitat u msieħbin kienu tal-fehma li jieħdu wkoll sehem sħiħ fil-festa ta' barra fil-festa ta' Santa Katerina, patruna taż-Żejtun.




***'Żejtun Band Club', il-post fejn jinsab il-każin illum. Dan infetaħ fil-bidu ta' l-1934.***


IL
# BERKA
[ THE LIGHTNING ]

IXTRI Photo 'SLIP-IN' Album jasgha 64 ritratt. Daks ckejchen ghal but. Legatura tajba. Mil li Stamperija tal 'Progress' 341, Sda. S. Paolo, Valletta.

MALTA, IT-TLIETA, 12 TA SETTEMBRU, 1933.

JIMBIEH sitt habbiet, l'Erbgha u is-Sibt sold.

## ANUVRA OHRA.

Mir - Raccomandazionijet li ghamlu ir-Royal Commissioners jidher ciar illi huma chienu cuntrarji ghal collox li it-tfal zghar jigiu mghallmin zewg lingwi barranin f'dakka wahda. Ir-Royal Commissioners iccundannaw b'mod l'actar kawwi is-sistema tal pari-passu, u dac li ghamlu ir-Royal Commissioners fissru li huma chienu keghdin jaghmluh fl'interessi tat-tfal u tal missierijet.

Li stess hagia nistghu nghidu dwar dac li fisser il Ministru tal Colonji.

Issa wara li il Ministri Nazionalisti ghamlu minn collox biex jergiu idahhlu il lingwa taliana fli Schejjel tal Gvern u ma irnexxielhomx—issa huma fissru li sejrin iwakkfu hafna Schejjel Secondarji.

Mit-tifsir li taw s'issa, dawc li schejjel m'huma ser icunu secondarji xejn, imma ser icunu schejjel elementari b'isem ta secondarji.

Din hi manuvra ohra biex tigi mghallma il lingwa taliana lit-tfal zghar—manuvra li stess bhal dic meta il Ministri Nazionalisti riedu jaghllmu il lingwa taliana fli schejjel tal Gvern barra il hin.

Il politica tan-Nazionalisti hia dic li bill mod il mod iwakkfu hafna schejjel secondarji u inakksu in-numru ta li Schejjel Elementari, halli b'hecc icunu hemm numru cbir ta tfal li jigiu mghallmin il lingwa taliana.

Imma Neric Mizzi, il Cap tan-Nazionalisti, ma ghandux jinsa dac li fissru ir-Royal Commissioners, u dac li fisser il Gvern Inglis.

Neric Mizzi ma ghandux jinsa li hua ma irnexxielhux jidhac bill Gvern Inglis bill manuvri li ghamel, u ankas m'hua sejjer jirnexxilhu jidhac bieh b'din l'ahhar manuvra.

## HBARIJET TA MALTA.

**Disgrazzi fit-torok.**

Il bierah wara nofsinhar, ghal habta tal 5.15, touring-car li chien niezel minn San Pawl il Bahar ghal Mosta imhabba charabanc li tfaccia u ghalbiex jiscansa disgrazzia, dahal fuk hajt. In-nies li chienu fit-touring car gew imwasslin bjex jiddewwew f'San Pawl il Bahar minn motor-car privat, u wara setghu imorru leju djarhom.

**Johodha ma puliziott.**

Censu Ciantar, mill Birgu, chellhu xi jghid ma marthu u taha daqka. Wiehed puliziott indahal u ordna lill Ciantar bjex jokghod bi qwietu. Minfloc li obda, Ciantar ...

... ba illi il Banda ta dana ir-Rigment iddokk fil pubblicu kabel ma ir-Rigment isiefer ix-xahar id-diehel. Il programm hua dan:—

(1) March On — "Vedette" — Alford; (2) Fanfare — "Blaze of Glory" — Bixley; Arrival of His Excellency, National Anthem; (3) Drum, Fifes and "Retreat" — Bugles. (4) Band March — "Carry On" — Winson; (5) Drums March — Shrimpton — "The Coon's Carnival"; (6) Band Piece — Martin — "Evensong"; (7) Drums March — "Four Jigs" — Winter; (8) Band March — "The Middy" — Alford; (9) Drums March — "The ...

... l'ohra. Ghal Matinee' u ghal nhar ta Tlieta, il postijet jistghu jigiu immarcati sa nhar il 20 ta dan ix-xahar. Il biljetti ghandhom jigiu maktughin nhar ta' Erbgha kabel il Matinee' tal Hadd, u mhux actar tard mis-Sibt ta kabel l'Opra li issir nhar ta Tlieta. L'Imprisa izzomm id-dritt li thjeh il biljetti li ma jigiux maktughin fil granet imsemmijin actar il fuk.

**Programmi Musicali.**

Il Banda il gdida taz-Zejtun "The Zeitun Band" sejra tesegwixxi programm musicali fi Piazza Maggiore, Zejtun, nhar il Hadd 17 ta Settembru, mis-7.30 p.m. il kuddiem, taht id-direzioni tal bravu u imfahhar surmast, il Professur G. M. Dalli, taz-Zejtun. Ghal din l'occasioni sejrin jizzanznu hames standardi, li kabel jigiu imbierchin mill Wisk Revd. D. Pacificu Mifsud Arcipriet tar-rahal, fil Casin ta li stess Banda. Wara icunu imwassla fost id-dakk tal "Marci" sa fuk il Piancir, bjex jigiu ippresentati. Dan hua il programm: Innu tal Papa; (1) Marcia Sinfonica — "La Liberta'" — G. M. Dalli; (2) Sinfonia — "Omaggio a Dante" — M. Bartolucci; (3) Selection — "The Desert Song" — Sigmund Romberg; (4) Caprice ghal Euphoneum — J. Hurtman; (5) Andante — C. Camilleri; (6) Scherzo Marciabile — M. Quaglio; Innu "Zeitun Band;" God Save the King.

Il Banda ta Ghawdex "La Stella" sejra tesegwixxi dan il programm musicali minghajr ghajnuna ta bandisti barranin, taht id-direzioni tal maghruf direttur G. Giardini-Vella, nhar il Hadd, 17 ta dan ix-xahar, fis-6.30 p.m.:—

(1) Herold — Zampa — Sinfonia (Rid. ta Hare); (2) Puccini — Tosca — Fantasia (Rid. ta Pennacchio); (3) Listz — Rapsodia Ungherese No. 2 (Rid. ta Bartoli); (4) Gonoud — Faust — Fantasia (Rid. ta Mariani); (5) Ponchielli — Danza delle Ore (La Gioconda) (Rid. ta Rossari) — Innu tal Papa u wara Innu tar-Re.

BIGHED MINNEC IL MARDA ARTHRITIS

*Il-Programm ta' l-1933 (li fil-fatt sar f'Novembru) fil-'Berka' ġurnal popolari bil-Malti ta' dak iż-żmien.*

Bħala Żwieten u ċittadini, dan talbuh bi dritt u ma kienu lesti jċeduha lil ħadd.

Talbu d-dritt li f'lejlet il-festa jdoqqu fuq il-planċier fil-pjazza ta' fuq biswit il-każin. Dan għaliex rieduhom idoqqu biss fil-pjazza ta' isfel fejn kienu maqtugħa għal kollox mill-każin. F'nhar il-festa riedu jdoqqu marċi brijużi matul it-toroq ewlenin taż-Żejtun u filgħaxija jistiednu banda oħra u din ukoll iddoqq biswit il-każin. Illum dan kollu jitqies minn kulħadd bħala kontribut siewi ferm għas-suċċess tal-festa. Iżda fl-1934 is-sitwazzjoni kienet ferm differenti u kien biss wara bosta manuvrar u taħbit, li dawn il-proposti ġew aċċettati.

Kien tajjeb li l-Għaqda issa kienet drat li kull ma tikseb trid tiġġieled għalih. Għaliha xejn ma kien se jaqa' mis-sema u xejn ma kien se jiġi ppreżentat fuq platt. Il-president u l-kumitat kienu jafu li bħal qabel riedu jużaw moħħhom u jżommu l-imseħbin magħquda warajhom. Kienu jafu wkoll li ż-Żwieten kienu bi ħġarhom warajhom u kienu qalbhom qawwija li jirnexxu fi ħsiebhom.

Billi l-ewwel nuqqas ta' ftehim kien il-post fejn jintrama l-planċier il-permess intalab fit-2 ta' Ġunju. Meta l-prokuratur sab oġġezzjoni, il-kumitat insista li din kienet affari tal-pulizija. F'dik is-sena il-Kostituzzjoni kienet sospiża. Għalhekk il-kumitat ħaseb biex iressaq il-każ quddiem il-lokutnenet Gvernatur. Kitbu l-ewwel ittra fit-30 ta' Awissu, u ittra oħra fil-5 ta' Novembru 1934. Kienu ħabbtu fuq bieb tajjeb. Fil-15 ta' Novembru il-prokuratur


Al Signor Commissario di Polizia

Signore,

Io qui sotto firmato dichiaro che non trovo difficolta' che la Zejtun Band eseguisca un programma musicale il di 24 novembre corrente in Piazza Maggiore Zeitun in occasione della festa di S. Caterina V. e M. vicino il Casino omonimo.

(fto.) Sp. Grixti
Procuratore

Zeitun 15 Nov: 1934.


Avendo confermato il diritto dei Sig.ri Procuratori della Festivita della S. Caterina nella dichiarazione fatta di loro, e presentata a Vostra Signoria il 3 corrente dimmoro e sporo lo stesso diretto dei suddetti Procuratori

(fto.) P. Mifsud
Arciprete

il 15 Novembre 1934.

*Kopji tad-dikjarazzjoni tal-prokuratur u l-arċipriet meta taw il-kunsens tagħhom li l-banda ddoqq fil-pjazza ta' fuq, quddiem il-każin.*

Dun Spiru Grixti u l-Arċipriet Dun Paċifiku Mifsud iffirmaw il-kunsens tagħhom li l-banda ddoqq fil-pjazza ta' fuq. Kien pass ieħor 'il quddiem u wara tliet snin, eżattament fil-5 ta' Novembru 1937 iż-żewġ talbiet l-oħra jiġifieri li jagħmlu marċ tal-festa u jistiednu banda barranija filgħaxija ġew aċċettati wkoll.

Dan kollu mela b'ħeġġa akbar il-kumitat, soċi u bandisti. Is-Surmast G.M. Dalli kien iddedikat għat-tagħlim tal-mużika u ħarreġ għadd sabiħ ta' bandisti. Il-banda bdiet tieħu sehem regolari fil-festi barra

miż-Żejtun bħal San Duminku fil-Belt, il-Madonna taċ-Ċintura l-Gudja, San Ġużepp f'Ħal Għaxaq u l-Kalkara. Fil-Karnival ta' l-1938 il-banda ħadet sehem bil-karru u marċ grottesk *Wedding in Carnival*.

Aktar ma żdiedet l-attività u l-bandisti, aktar inħasset il-ħtieġa ta' strumentatura ġdida għaliex l-ewwel strumenti li kienu nxtraw fl-1928 kienu *corista vecchia* u t-tip tagħhom kienu spiċċaw mis-suq. Għalhekk fl-1934 kien intlaħaq ftehim mad-ditta mużikali Carabott tal-Belt għal sett sħiħ ta' strumenti tar-ram tad-ditta magħrufa Ingliża *Boosey & Hawkes*. Sa ma ngabru l-flus u s-sett sħiħ wasal Malta kienet faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija.

## Żmien il-Gwerra

F'April ta' l-1939 it-tmexxija tal-banda għaddiet f'idejn Hector Dalli. Is-surmast il-ġdid kien żagħżugħ mimli enerġija b'talent mużikali mill-aqwa. Mhux biss ġab il-banda 'l quddiem iżda l-esekuzzjoni b'suċċess ta' programmi mużikali mill-aktar diffiċli għamlu unur lilu u lill-Każin Żejtun Band. Kien ħa t-tmexxija tal-banda fl-agħar żmien. Bosta bandisti kienu nqabdu bil-lieva, parti mill-każin kienet ingħatat lir-refuġjati u parti oħra ntlaqtet waqt ħbit mill-ajru ta' l-għadu.

Minkejja dan kollu l-banda baqgħet tiffunzjona u mill-1940 sa l-1945 iż-Żejtun Band kull sena daqqet il-programm tal-festa titulari. Dan il-programm kien jindaqq bejn is-sagħtejn u s-sitta ta' wara nofsinhar u kull sena Hector Dalli ħejja programm aqwa minn ieħor.

Zejtun Band - 1939.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Grech Giuseppe | Clarinett. | 70 | Triek Marsaxlock. | |
| Montebello Gius: | " | 7 | Skak Molino. | |
| Mangion Angelo | " | | Triek St'Angelo. | |
| Chetcuti Angelo | " | 44 | Triek il Baruni. | |
| Delia Giovanni. | " | 4 | Misrah il Bjar. | |
| Busuttil Geremia | " | 4 | Triek San Porfirio | |
| Abela Mosè | " | | Triek Luka Briffa | |
| Chetcuti Elia | " | 5 | Triek San Alfonso. | |
| Vella Francesco | " | 4 | Triek Brittannja. | |
| Zammit Rosario | " | 11 | Triek il Kantur. | |
| Darmanin Benedetto | " | 40 | Triek il Herba. | |
| Abela Giuseppe | " | 2 | Triek San Kmidiu. | |
| Barbara Alessandro | " | 20 | Triek il Kuncizzjoni. | |
| Barbara Carmelo | " | 1 | Skak San Deodatu. | |
| Desira Gio Maria | " | 21 | Misrah il Bjar. | |
| Fenech Giovanni | " | 6 | Skak San Deodatu. | |
| Gravino Giuseppe | Sergin. | 23 | Triek il Kuncizzjoni. | |
| Attard Giuseppe | Quartin | | | |
| Saliba Giuseppe | " | | Triek il Kantur. | |
| Grima Carmelo | oboè | | Triek San Giusepp. | |
| Sabone Giuseppe | Sax: Sopran | | Piazza Maggiore. | |
| Mifsud Angelo | Sax: Contralt | 5, | Beland Street. | |
| Zammit Giuseppe. | Piston | 1, | Prince of Wales Square | |
| Galea Vincenzo | Cornette | 16. | Triek Santu Wistin | |
| Zammit Carmelo | " | | Triek il Herba | |
| Dalli Oscar | " | 17 | Triek St'Anton. | |
| Axisa Salvo. | " | 66 | Luka Briffa. | |
| Cassar Carmelo | " | 53 | Triek Reali. | |
| Zarb Vincenzo | " | 41 | Skak San Deodatu. | X |
| Desira Gio Maria | Tromb. Cant. | 9 | Triek San Kalcidoniu | |
| Camilleri Carmelo. | Barit: | | Triek St'Wistin. | |
| Dalli Eddie | Euphonium | 17. | Triek St'Anton. | |
| Narmana Giuseppi | " | | | |
| Mifsud Michele | " | 63. | New Street. | |
| Camana Nazzareno | Tromb. Arm | 40. | Triek San Giusepp. | |
| Ellul Carmelo | " | 20, | Triek San Duminku. | |
| Marrun Giuseppe | " | 23, | New Street. | |
| Dalli Giovanni | Corno. | | Triek il Kantur. | |
| Schembri Francesco | " | 11, | Misrah il Bjar. | |
| Scicluna Giuseppe | Sax. | 35, | Triek Saltar. | X |
| Callus Giovanni | " | 22. | Triek Marsaxlock | |
| Agius Angelo | " | 10, | Triek il Herba. | |
| Degabriele Vincenzo | " | | Triek San Gregor. | |
| Cassar Consiglio | Bombardon | 16, | Triek Luka Briffa. | |
| Mifsud Renato | " | 18, | Triek Brittanja. | |
| Camba Nazzareno. | " | 22. | Triek Piu X. | |
| Camana Giuseppe. | " | 27. | Triek Santu Wistin, | |
| Gafà Carmelo | Katuba | 51. | Triek il Mar. tal Bonkorsett. | |
| Agius Amabile | Tamburlin | 10, | Triek il Herba. | |
| Baldacchino Carmelo. | Timpani | 7, | Connaught St. | |
| Zammit Antoni | Piatti. | 1. | Triek San Gregor. | |
| Dalli Gius. Maria. | Surmast. | 17. | Triek St. Anton. | |

**Silta mill-Istorja ta' l-Għaqdiet tal-Baned Maltin ta' G. Mifsud Bonnici b'referenza għall-Għaqda Banda Żejtun**

*Attivitajjiet soċjali.* Wirjiet tat-Talkie fis-Sala kbira tal-Kunċert tasa' xi 250 postijiet, is-Sala tal-Billjard għadha kif inbniet u magħammra b'kull ħtieġa; isiru ballijiet fil-Karnival taħt il-għassa tal-membri tal-Kumitat; fjieri għall-bżonnijiet tas-Soċjetà, tal-Knisja u tal-fqar; laqgħat lir-Rappreżentanti tar-Re fiż-żjajjar uffiċċjali tagħhom fir-Raħal, lill-Monsinjuri, Isqfijiet u persunaġġi għoljin oħrajn; dimosrtazzjonijiet ta' ferħ lil Saċerdoti Novelli. F'dawn il-laqgħat soċjali, isiru diskorsi ta' l-okkażżjoni mill-President u mis-Segretarju s-Sur Karm Grima li nzerta wkoll Segretarju tal-Workers Benefit Society.

Veru li din il-Għaqda ta' Għajnuna ta' Bejnietna ma titħaddemx direttament mis-Soċ. Fil. Żejtun, iżda, b'riħet is-Sur Grima bosta mill-membri tas-Soċjetà huma wkoll Membri tal-Workers Benefit Society. Din is-Soċjetà ta' għajnuna, bla ebda ħjiel ta' pulitka jew partiti tilqa' fi ħdanha ħaddiema tal-pinna u tad-dirgħajn ta' bejn it-18 u l-40 sena. B'xelin fil-ġimgħa jkunu intitolati għat-tabib tas-Soċjetà u għal għajnuna finanzjarja ta' ħames xelini (5s.) kuljum fl-ewwel sena ta' mard, żewġ xelini u seba' soldi (2s. 7d.) kuljum fit-tieni sema ta' mard. Wara sentejn, jekk l-imsieħeb jibqa' marid ikun intitulat għal bonus ta' għaxar liri (£10) u jinħall mis-Soċjetà.

Matul il-Gwerra Mondjali 1939-1945, il-Banda Żejtun, bħall-oħrajn, ma setgħetx ma dduqx l-imrar u l-qrusa. Surmast u bandisti, ħtiġilhom iwarrbu l-istrumenti ferrieħa u jaqbdu l-istrumenti qerrieda tal-gwerra u flok dàqq ħlejju li jqanqal il-qalb bdew isemmgħu ħsejjes iwaħħxu, iheżżu l-art u jregħdu moħħ qalb u ruħ . . . iżda, b'dankollu, xi programm 'l hawn u 'l hinn dejjem sar! Barra min dan, ta' min jinnota li l-Banda tal-King' Own Malta Regiment kienet magħmula minn

## Sidien Proprjetarji

Is-Sur Nikol Attard li kien jokkupa l-kariga ta' president tas-Soċjetà sa mit-twaqqif tagħha miet fit-22 ta' Jannar 1945. Minfloku ġie maħtur president il-Kaptan Serafin Xuereb M.B.E. li kien diġà jokkupa l-post ta' viċi president. Din il-bidla seħħet hekk kif kienet se tintemm it-Tieni Gwerra Dinjija u tmiem il-gwerra nisel ħeġġa ġdida.

Il-fundaturi ta' l-Għaqda Banda Żejtun kienu nies ta' viżjoni. Għalkemm ħadd minnhom ma kien professjonist xorta kienu nies ta' dehen li għarfu li l-ewwel u qabel kollox kien meħtieġ li jkunu sidien tal-każin tagħhom.

Kien ilhom żmien biex id-dar li issa kien ilhom fiha mill-1934 issir proprjetà tal-każin, u b'hekk iserrħu rashom darba għal dejjem li l-Għaqda qatt ma ssib ruħha fil-pożizzjoni kerha ta' l-1933. Il-president il-ġdid għamel kuraġġ lill-kumitat u fi Frar ta' l-1946 saret l-ewwel offerta lis-Sur Grezzju Mallia proprjetarju tad-dar. Din l-offerta kienet ta' elf u tliet mitt lira u għalkemm huwa kien lest li jbigħ talab aktar. Il-kumitat inkariga lill-Kaxxier G. Attard, lill-Assistent Kaxxiera J. Sciberras u lil V. Galea sabiex imexxu l-proġett 'il quddiem u bi ftehim mal-kumitat waslu f'offerta ta' elf u disa' mitt lira. Iżda s-Sur G. Mallia qallhom li kien biddel fehmtu għax kien hemm min offrielu aktar. Kien hemm min irid jagħmel il-bsaten fir-roti iżda wara li s-Segretarju Karmenu Grima u Vincenzo Galea kellmuh mill-ġdid, ftiehmu li l-Għaqda tixtri d-dar għall-prezz finali ta' elfejn lira. Billi l-każin kellu biss elf u erba' mitt lira, is-sitt mija l-oħra ħarġuhom bħala self mingħajr imgħax il-President S. Xuereb, J. Sciberras, K. Gafà, V. Galea, G.M. Magro, G.M. Dalli, J. Magro, B. Darmanin u S. Mizzi. Il-kuntratt sar it-Tnejn 13 ta' Mejju 1946.

## Xiri tal-Ġnien wara l-Każin

Dan imliehom b'aktar kuraġġ u fis-seduta tat-22 ta' Mejju, Vincenzo Galea ppropona li jinxtara l-ġnien ta' wara l-każin proprjetà tas-Sur S. Portelli li talab elf u tmien mitt lira. Għal dan l-għan, u sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol ta'rikostruzzjoni kemm fil-każin if ukoll fil-ġnien il-President S. Xuereb silef lill-Għaqda s-somma ta' tlett elef lira b'imgħax baxx, u f'Awissu 1946 sar il-kuntratt tax-xiri tal-ġnien.


Numru 259
Beih
Illum id-disgħa u għoxrin (29) ta' Awwissu tas-sena elf disgħa mija u sitta u erbgħin (1946)
5-9-46
Vol. 9.
2830/46
Quddiemi Nutar Dottor Giuseppe Sammut u quddiem ix-xiehda hawn taħt iffirmati minni Nutar magħrufa u li għandhom il-kwalitajiet kollha li trid il-liġi għandhom jidhru personalment:-

*Kopja tal-ftuħ tal-kuntratt tax-xiri tal-ġnien fejn illum hemm it-Teatru Pandora.*

Fil-parti li kienet tmiss mal-każin inbnew żewġ swali kbar waħda għall-mogħdija taż-żmien tal-membri u għall-bottegin, u fuqha oħra għall-kunċerti tal-banda li fix-xitwa bdiet tintuża bħala ċinema. Inbniet ukoll sala tal-*billiard*. Li baqa' mill-ġnien ġie konvertit għall-*open air shows* tat-teatrin u taċ-ċinema.

## It-Teatru Pandora

B'hekk setgħu jinġabru fondi sabiex mhux biss jitħalls lura s-self iżda fil-ġnein jinbena teatru u ma jibqax *open air*. Saru bosta proposti fosthom waħda

li l-ġnien jinqasam fit-tnejn parti teatru magħluq u parti oħra teatru *open air*. Fl-aħħar qablu li l-ġnien kollu jinbena teatru li jkun jesa elf ruħ. Tlestew il-pjanti u l-permessi meħtieġa. Dan kien fl-1953. Meta nbeda x-xogħol fl-1954 il-President S. Xuereb reġa' silef lill-Għaqda erbat elef lira oħra sabiex ikun jista' jitkompla x-xogħol. It-Teatru Pandora tlesta f'Ottubru ta' l-1955, meta sar il-ftuħ uffiċjali tiegħu b'kunċert vokali u strumentali. Waqt il-ftuħ saret ukoll ċ-ċerimonja tal-kxif ta' *basso reliev* tal-bronż tal-president Serafin Xuereb bħala ħajr għall-għajnuna kollha li kien ta lill-Għaqda sabiex tilħaq l-għan tagħha.



*Ċerimonja tal-ftuħ uffiċjali tat-Teatru Pandora, mill-Kaptan S.C. Xuereb, president.*



*Dehra ġenerali tat-Teatru Pandora hekk kif kien jidher fl-1955, il-jum ta' l-inawgurazzjoni.*

## Surmast Ġdid għall-Banda

Meta sar il-ftuħ uffiċjali tat-Teatru Pandora fl-1 ta' Ottubru 1955, il-kunċert vokali/strumentali li ż-Żejtun Band daqqet għall-okkażjoni, kien taħt id-direzzjoni tas-Surmast Edgar Lowell. Huwa kien inħatar surmast taż-Żejtun Band tliet snin qabel, eżattament f'Lulju ta' l-1952. Is-Surmast Hector Dalli kien spiċċa minn direttur tal-banda fit-30 ta' Ġunju ta' l-istess sena minħabba nuqqas ta' qbil mal-kumitat. Matul it-tlettax-il sena li dam bħala direttur taż-Żejtun Band, Hector Dalli dderieġa l-banda f'bosta programmi mill-aqwa kif ukoll ikkompona l-aqwa marċi tiegħu li għadhom jissemmew sal-lum. Dawn il-marċi klassiċi, tal-widna u popolari kienu jiġbdu mijiet ta' partitarji u dilettanti u l-marċ ta' wara nofsinhar f'jum il-festa, speċjalment dawk ta' bejn l-1946 u l-1950, li kienu fost l-aqwa li qatt saru fiż-Żejtun.



*Il-ftuħ tat-Teatru Pandora – il-kxif tal-bust tal-President il-Kaptan Serafin Xuereb O.B.E. mill-Arċipriet Dun Mikiel Spiteri – jidher ukoll is-Sur G. Attard, ex-kaxxier.*

Taħt is-Surmast Edgar Lowell li wkoll ħarreġ bosta bandisti b'mod professjonali, il-banda ħadet xejra oħra. Bdiet tikkonċentra l-aktar fuq programmi ta' mużika klassika flimkien ma' solisti u korijiet. Hekk fis-snin ħamsin u fil-bidu tas-snin sittin iż-Żejtun Band daqqet programmi vokali/strumentali ta' l-ogħla livell. F'lejlet il-festa ta' Santa Katerina l-banda kienet tesegwixxi għal sena wara l-oħra programmi klassiċi b'għażliet mill-aqwa opri u kienet tkun akkompanjata minn

solisti ta' fama u l-kor polifoniku tal-Ħamrun li f'dawk is-snin kien fl-aqwa tiegħu.

L-attività tal-banda matul is-snin sittin ma waqfitx, iżda l-kumitat kien mehdi sħiħ bit-Teatru Pandora li biex jitmexxa sewwa kien jinħtieġ xogħol u attenzjoni kontinwa. Kienu jsiru wirjiet ta' films ta' l-inqas darbtejn kuljum, u nhar ta' Sibt wirjiet ta' varjetà jew teatrin u drammi. B'hekk mid-dħul, u għaliex ix-xogħol kważi kollu kien isir bla ħlas, bed jitħallas lura s-self li kien sar biex ġie mibni u attrezzat.

## Il-Banda Żejtun fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira

Fiż-Żejtun il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira hija okkażjoni importanti ferm, u għal qalb iż-Żwieten bil-bosta. Ma jistax jonqos li l-kumitat u l-membri xtaqu li l-Banda Żejtun tieħu sehem fil-purċissjoni.

Il-Banda Żejtun kellha sett ta' marċi funebri mill-aqwa ta' Mro. G.M. Dalli li kienu jindaqqu fil-programm ta' nhar Ħadd il-Palm.

L-ewwel talba saret fl-1946 meta laħaq president il-Kaptan Serafin Xuereb. Iżda t-talba ġiet miċħuda. Il-President Xuereb kellu tama kbira li b'xi mod ikollu tweġiba pożittiva. Kellu l-parir ta' xi soċi u membri tal-kumitat biex l-Għaqda tieħu pożizzjoni militanti dwar din il-kwistjoni. Minflok, għażel li joffri minn butu s-sett ta' bandalori ta' l-aħħar seba' kelmiet irrakmati bid-deheb, li għadhom jinġarru fil-purċissjoni sal-lum.



*Iż-Żejtun Band iddoqq għall-ewwel darba fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fl-4 ta' April 1969.*

L-offerta ta' dawn il-bandalori saret fl-1947. Kien kollu għalxejn. Il-kwistjoni tħawdet aktar billi diġà kien hemm talba simili mill-King's Own Band tal-Belt biex tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Belt.

Nhar it-Tlieta, 3 ta' Ġunju 1947 kummissjoni mill-kumitat iltaqgħet ma' l-arċisqof. Kienet laqgħa interessanti li ma solviet xejn. L-Arċisqof Monsinjur Mikiel Gonzi jidher li kien aktar inkwetat bil-problema tal-Kommuniżmu milli bis-sehem tal-Banda Żejtun fil-Ġimgħa l-Kbira. Dan joħroġ mill-Minuti tal-laqgħa ta' l-4 ta' Ġunju 1947 li fost ħwejjeġ oħra tissemma din il-kwistjoni.

Intant kellhom jgħaddu għoxrin sena sa ma l-Banda Żejtun bdiet tieħu sehem, kif xieraq, fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-ftehim intlaħaq f'Ottubru ta' l-1968 u l-Banda Żejtun ħadet sehem għall-ewwel darba fil-purċissjoni ta' l-1969.

## Snin ta' Bidla

Il-mewt ma taħfirha lil ħadd u sa tmiem is-snin sebgħin bosta minn dawk li kienu raw it-twelid taż-Żejtun Band Club kienu ħallewna. Il-President serafin Xuereb miet fl-10 ta' Ottubru 1976 u minfloku nħatar Karmenu Grima li fl-ewwel snin ta' l-Għaqda kien serva bħala viċi president u wara għal kważi erbgħin sena sħaħ bħala segretarju. Grima kien il-moħħ wara l-iżvilupp tal-banda u tal-każin. Kien meqjus bħala missier l-Għaqda. Karmenu Grima, iżda dam president sena biss għaliex miet fid-19 ta' Novembru 1977. Fil-laqgħa ġenerali ta' Marzu 1978 nħatar president Joe Attard li kien ilu viċi president mill-1975.

Fl-istess żmien il-banda bidlet żewġ diretturi. Is-Surmast Edgar Lowell safa marid f'Ottubru 1976 u minfloku ġie maħtur surmast tal-Banda Żejtun Pawlu Buttigieg, A. Musc. L.C.M. Iżda wara sentejn huwa r-riżenja minħabba saħħtu. F'Settembru 1978 is-Surmast Żejtuni Joseph M. Barbara A. Musc. L.C.M. ġie maħtur direttur tal-banda.

## It-Tieni Ġenerazzjoni

Waqt li kienet qed isseħħ din il-bidla fit-tmexxija tal-każin u tal-banda, it-tieni ġenerazzjoni bdiet tinħass sew fost il-membri u partitarji. Fil-kumitat bdew jidhru uċuħ ġodda – bosta minnhom żgħażagħ u bejn il-ħeġġa tagħhom u l-esperjenza ta' l-anzjani, fl-Għaqda nħasset mewġa ta' ħajja ġdida.

Meta tħallas is-self li kien sar biex jinbena t-Teatru Pandora l-kumitat beda jaħseb biex id-dħul

tal-każin li kien kuritur dejjaq ħafna jinbidel f'intrata wiesgħa li tixraq lill-każin. Dan kien proġett ambizzjuż għaliex il-pjan kien li tinbena l-faċċata mill-ġdid fuq wisgħa ta' ħames qasab. Biex dan il-proġett iseħħ kien meħtieġ li jinxtara l-ħanut tax-xorb biswit il-każin. In-negozjati għax-xiri ta' din il-proprjetà damu s-snin u fallew kemm-il darba, iżda fl-1973 il-kumitat wasal fi ftehim biex jixtri nofs din il-proprjetà. Hekk twaqqgħet il-faċċata l-qadima li kienet fuq żewġ sulari u minflok inbniet faċċata ġdida b'gallarija fuq it-tul tagħha kollu b'intrata u kontra intrata wisgħin, kif ukoll taraġ komdu u wiesgħa għall-ewwel sular fejn inbniet sala ġdida tal-kumitat tul il-wisgħa tal-faċċata l-ġdida. Dan ix-xogħol li kien f'idejn kummissjoni mmexxija mis-Sur Walter Zahra li kien viċi president u tlesta fl-aħħar ta' l-1974.

Sentejn wara sid il-ħanut aċċetta li jbiegħ il-kumplament tal-ħanut isfel u kamra oħra fuqu fuq wara.

## Qawmien Ġdid

Matul is-snin sittin l-Għaqda Banda Żejtun kienet daħlet fi speċi ta' sqaq. Hu minn awl id-dinja li l-anzjani, waqt li jibqgħu jiswew mitqlu deheb għall-esperjenza u l-pariri siewja tagħhom, tibda tonqoshom l-enerġija taż-żgħożija u jistgħu jaqgħu fil-letarġija. Agħar minn hekk l-Għaqda kienet inqatgħet mill-għeruq tagħha. Siġra li ma tistax issostni lilha nnifisha mhux biss ma tagħmilx frott, iżda titbiel u tinqered.

Meta Joe Attard inħatar President ta' l-Għaqda Banda Żejtun f'Marzu 1978, huwa kien diġà ilu attiv fl-Għaqda minn tliet snin qabel. Kien inħatar viċi president fl-1975. Dawn kienu tliet snin ta' tħejjija. Billi l-president l-Kaptan Serafin Xuereb kien kiber fl-età, bosta mir-responsabbiltà tat-tmexxija waqgħet fuq il-viċi president. Hekk beda jidħol fil-problemi u jimmatura fit-tmexxija permezz ta' bdil ta' ideat u pariri ta' l-anzjani, li baqgħu attivi fl-Għaqda Badna Żejtun sa l-aħħar ta' ħajjithom. Tgħallem bil-bosta mill-esperjenzi ta' Karmenu Grima, missieru Ġużeppi, Ċensu Galea u Anġelo Vella. Mingħandhom ħa tagħrif siewi dwar ir-relazzjonijiet ta' l-Għaqda Banda Żejtun ma' l-Għaqdiet l-oħra Żwieten u assoċjazzjonijiet oħra barra ż-Żejtun. Beda jinsisti li fiż-Żejtun l-Għaqda tagħna kellha tkun stmata u rrispettata daqs u xejn inqas minn kull Għaqda oħra u nissel fil-membri sens ġdid ta' entużjażmu. Beda ħidma b'ħeġġa u determinazzjoni li qanqlu lil sħabu tal-kumitat u s-soċi. Bosta li kienu waqfu mill-ħidma fl-Għaqda reġgħu saru attivi u resqu wkoll għadd ta' żgħażagħ.

Issa kulħadd beda jifhem, dak li kien jisħaq, li ma jistax ikollok riżultati tajba jekk tinċana kontra l-vina. Waqt li saħħaħ l-operat b'ideat ġodda, Joe Attard kien attent li jżomm 'l kulħadd flimkien, anke akkost li jieħu aktar żmien biex ħadd ma jħossu mwarrab. Nieda bosta attivitajiet ġodda u nhar il-festa reġa' beda jsir il-marċ. L-Għaqda Banda Żejtun kienet ċediet il-marċ tas-siegħa ta' nhar il-festa, fis-snin sittin u minflok bdiet tagħmel marċ fil-ħruġ tal-vara. Joe Attard flimkien ma' Karmenu Grima u sħabhom tal-kumitat reġgħu bdew il-marċ tal-Ħadd filgħodu ta' nhar il-festa. Is-soċi kienu mħeġġa bis-sħiħ minn Ronnie Caruana. Dan sar l-ewwel darba fl-1977 fi żmien l-Arċipriet Dun Pantaleone Orland. Hekk seħħet bidla mil-lejl għan-nhar, li ż-Żwieten kollha ntebħu biha.



*Is-Surmast J.M. Barbara jippreżenta 'Innu lil Sta. Katerina V.M.' lill-President Joe Attard.*

## Mill-Ġdid Sehem fil-Karnival

Fl-aqwa snin ta' wara l-gwerra l-Banda Żejtun kienet ħadet sehem b'suċċess fil-Karnival organizzat fil-Belt.

Fl-1979 il-President Joe Attard ippropona li l-Għaqda Banda Żejtun għandha terġa' tibda tikkompeti fil-marċi grotteski. Dak iż-żmien il-Karnival kien jiġi ċċelebrat f'Mejju. Ċensu Galea, li l-għaxqa tiegħu kienet li jara l-Banda Żejtun timmarċja minn fuq il-Fosos tal-Furjana sa



*Allievi fis-snin sittin flimkien mal-President il-Kaptan Serafin Xuereb u membri tal-Kumitat.*



*Allievi fis-snin tmenin flimkien ma' l-għalliema Sonia Sinagra.*

Misraħ il-Palazz u lura qalb folol ta' eluf ta' nies, issekonda l-proposta. Il-kumitat qabel. Dakinhar ħadd ma basar li din kellha tkun sensiela ta' 25 sena konsekuttivi li fihom l-Banda Żejtun ġiet klassifikata l-ewwel, xejn inqas minn tlieta u għoxrin darba! Rekord assolut, li fih spikkat il-ħila tas-surmast, bandisti, ħajjata u żewġ surmastrijiet fl-arti plastika Anthony Sinagra u Carmelo Delia. Carmelo Delia, barra l-arti plastika, huwa wkoll ċelebri fl-arti taż-żebgħa u l-kuluri mżewqa u sfumati bl-akbar sengħa u maestrija, xegħlu l-Belt u ż-Żejtun għal sena wara l-oħra għall-għaxqa ta' kulħadd.

## Festi Ġublew tad-Deheb – Ġunju 1983

Fis-sena 1983 l-Għaqda ċċelebrat il-Ġublew tad-Deheb, il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tagħha. Ħamsin sena għall-Għaqda Mużikali f'Malta m'humiex xi bosta snin. Fl-1983 kien hemm bosta Għaqdiet Mużikali li kienu għalqu mitt sena u aktar. B'dan kollu għalkemm mhux daqs tant avvanzata fis-snin, xorta waħda l-Għaqda Banda Żejtun kienet għamlet passi ta' ġgant. Il-President Joe Attard flimkien mal-kumitat fehmu li dan l-anniversarju kellu jiġi mfakkar kif jixraq u aktar minn hekk, jgħin biex l-Għaqda tkompli fuq ir-rankatura li kienet qabdet.

Il-kumitat qabel li dan il-ġublew kellu jitfakkar b'opri ġodda. Hekk ħasbu minn sentejn qabel biex ix-xogħol li kellu jsir jintemm biż-żmien stipulat.

- Il-ħanut biswit il-każin kien inxtara wkoll fl-1979 u hekk il-faċċata setgħet titkompla n-naħa ta' isfel ukoll. Ma kinitx biċċa xogħol ħafifa għax riedet titwaqqa' l-faċċata l-qadima, fejn kien hemm diġà s-saljaturi l-kbar tal-gallerija, biex tinbena l-arkata tal-bieb bil-kolonni fil-ġenb biex ikun jaqbel mal-bieb prinċipali, diġà eżistenti. Dan ix-xogħol tħalla f'idejn Ċensu Caruana, u missieru Leli ħadem bieb ieħor biex jakkompanja l-ewwel wieħed li kien iddisinja u ħadem hu wkoll.
- Is-sala tal-kumitat li tiġi fuq in-naħa ta' barra ġiet iddisinjata mill-ġdid bi tliet arkipjani fuq il-pilastri kollha miksija u ngwarniti bil-kewba.
- Għall-banda nxtraw sett qniepen *Premier* li żżanżnu waqt l-esekuzzjoni ta' *L-Innu lil Santa Katerina V.M.* tas-Surmast Joseph M. Barbara.
- B'ħidma u dedikazzjoni tal-President Joe Attrd ġie ppubblikat *Ġrajjietna* rakkont ta' l-avvenimenti ewlenin ta' l-Għaqda Banda Żejtun.

Dawn il-festi kienu suċċess. Iżda fuq kollox kienu l-preludju ta' era ġdida li ftit basru xi svolta kbira 'l quddiem kienet qed tinħema għall-Għaqda Banda Żejtun. Ix-xogħol fuq planċier artistiku għall-Banda Żejtun kien diġà beda, iżda hekk kif intemmu l-festi tal-ġublew tad-deheb l-kumitat iddeċieda li fi żmien sena dan il-planċier, kellu jkun lest ukoll!



*Il-President Onorarju s-Sur Wistin Abela, flimkien mal-President Joe Attard fil-Festi tal-Ġublew tad-deheb.*

## Plančier Artistiku fit-Tond

Leli Caruana mastrudaxxa prim u magħġun bis-sħiħ fis-sengħa ta' l-injam webbilna biex naħdmu plančier artistiku, kollox kif titlob is-sengħa arkitettonika. Huwa kien ippjanata u ddisinja plančier li mhux biss kellu pjanta u estetika perfetti, skond is-sengħa, iżda offra wkoll ideat ġodda. Infatti d-disinn tal-plančier li huwa ppreżenta, ma kienx jieqaf hekk kif tifforma n-nghala, iżda jibqa' jdur fit-tond, kollox jifforma ċirku wieħed, bil-panewijiet, pilastri, turġien u faċċata, kollha jiffurmaw parti mill-istess ċirku. Kollox kien iddisinjat b'sengħa u proporzjonat, bil-pilastri u l-panewijiet magħqudin flimkien bi kwarniċun, friż u kollarin fuq, u zokklatura bil-kwarniċjun u pedata isfel. Fejn jaqtgħu t-tliet turġien tal-wiċċ għall-bandisti u l-panewijiet, jibda t-taraġ wiesgħa mqawwas 'il ġewwa biex jakkompanja d-disinn tal-panewijiet li huma wkoll mqawwsin 'il ġewwa. Minn tarf ta' taraġ għall-ieħor tkompli tifforma t-tond taċ-ċirku, il-faċċata imponenti, imqassma f'ħames partijiet fuq tul ta' disa' metri. L-istetika tal-faċċata hija l-istess bħal bqija tad-disa' panewijiet u l-għaxar pilastri tad-dawra, bid-differenza li billi l-faċċata hija aktar baxxa mill-bqija ma għandhiex friż. Kollox huwa mqassam fuq diametru ta' ħdax-il metru.

Mill-ewwel deher li dan kellu jkun plančier mill-isbaħ, iżda x-xogħol meħtieġ kien iebes. Kienu meħtieġa wkoll eluf ta' liri, minkejja li Leli Caruana offra li min-naħa tiegħu jaħdem kollox mingħajr ħlas u bosta membri tagħna kienu lesti jaħdmu b'xejn fil-ħin ħieles tagħhom. Il-kumitat qabel li l-plančier artistiku kif propost minn Leli Caruana jsir.

Lis-soċi għamlilhom kuraġġ ukoll Ġużeppi Caruana, imlaqqam Pilatu, li kien ukoll il-promotur tal-plančier artistiku ta' l-Għaqda Mużikali Beland, inawgurat fl-1978.

## L-Ewwel Daqqiet

F'Jannar u Frar ta' l-1979 kont tisma' jidwu mal-każin daqqiet ta' mazza fuq il-ħadid. Salvu Caruana, wieħed mit-tfal ta' Leli, kien beda jifforma l-faċċata tal-plančier il-ġdid. Kien hemm jgħinuh Mikiel Bonnici u Fredu Camilleri.

## Ix-Xogħol tal-Ħadid

Il-*frame* tal-faċċata ifforma idea tax-xogħol li ried isir. Iżda l-kbir kien għadu ġej. Lorry Camilleri, Ritchie Caruana u Joe Agius daħlu għax-xogħol kollu li ried isir fuq il-*frame* tal-ħadid għall-panewijiet, l-iskorfina tan-nofs u l-branek li kellhom jorbtu kollox flimkien, kif ukoll jiffurmaw it-tliet indani taraġ għall-bandisti u l-parti l-baxxa ta' quddiem. Kien jgħin ukoll Mikiel Bonnici.

Biex dan ix-xogħol ikun jista' jsir ridna post kbir u l-kumitat ta' l-Għaqda Mużikali Santa Katerina ġentilment offrewlna l-post tagħhom. Iżda meta ġejna biex narmaw kollox flimkien u nippruvaw il-*frame* tal-ħadid lanqas dan il-post ma kien kbir biżżejjed u għalhekk kellna nokkupaw nofs it-Teatru Pandora. Hawn beda l-kisi tal-faċċata u l-panewijiet kollha bil-*plywood*. Dan ix-xogħol kollu kien f'idejn Ronnie Caruana mgħejjun minn Eugenio Portelli u sħabu, dejjem taħt il-ħarsien ta' Leli Caruana. Sa Novembru 1982 dan ix-xogħol kif ukoll il-wiċċ kien lest. Iżda kull ma kellna kien qafas.

## Gwarniċi u Ngwarnir

Sadanittant l-imgħallem Leli kien għaddej bix-xogħol ta' l-injam fuq il-pilastri. Id-disinn tiegħu kien jinħtieġ xogħol sofistikat ta' ngwarniċi, kemm għad-dawra ta' fuq tal-panewijiet, pilastri u faċċata, kif ukoll fuq iz-zokklatura. Leli kien lesta wkoll l-ingwarniċi iżda biex jitpoġġew posthom kien meħtieġ l-ingwarnir bi qtugħ ta' mijiet ta' ngletti. Waqt li Ronnie qabad jaħdem fuq il-panewijiet huwa sab l-għajnuna siewja ta' Ġużeppi Abela li ngwarna l-għaxar pilastri ta' madwar il-panewijiet. Kien wasal is-sajf ta' l-1983. Issa beda l-ixkatlar, stukkjar u xkatlar mill-ġdid. Karmenu Portelli daħal għax-xogħol taż-żebgħa ta' taħt mgħejjun mill-Kaxxier Ġużeppi Attard.

## It-Tiżjin bl-Iskultura

Fuq parir ta' l-Imgħallem Leli Caruana l-kumitat qabel li d-disinji kollha tat-tiżjin bl-iskultura u attrezzaturi, bħal-leġiju tas-surmast u l-brazzi ta' madwar il-plančier isiru kollha mill-Pittur Żejtuni Touissant Busuttil. Is-surmast aċċetta din il-kummissjoni u ħoloq disinji li fihom tispikka l-ħila u l-esperjenza li huwa kellu f'dan il-qasam importanti ta' l-Arti. Minn barra skultura għat-tiżjin tal-pilastri, il-Pittur Touissant Busuttil ħażżeż xogħol ta' skultura fonda għall-panewijiet fejn tiddomina l-lira mużikali u erba' disinji wieħed isbaħ mill-ieħor għall-faċċata, bl-arma taż-Żejtun tiddomina fil-panew tan-nofs.

Disinji bħal dawn, iżda, jibqgħu fuq il-karta li jinħażżu fuqha jekk ma jkollokx skultur prim li kapaċi jittrasforma d-disinn tal-pittur fi skultura fonda u ħajja. Ridna nsibu l-aħjar artist u l-għażla waqgħet fuq Toni Ellul ta' Ħal Luqa.

## Irħamar u nduratura

F'Ottubru ta' l-1983 bdew jaħsbu għall-irħamar u l-induratura. Fuq dan qgħadna fuq il-parir ta' Ġużeppi Caruana (mlaqqam Pilatu), raġel ta' esperjenza kbira f'dan ix-xogħol u li, qabel kollox, kien tabilħaqq iħobb l-Arti u dak li hu sabiħ. Ġużeppi Caruana ssuġġerielna lid-Dekoratur prim John Pace ta' Ħal Tarxien. John Pace għall-ewwel beda jaħsibha. Kien jgħodd fuq it-tmenin, iżda meta Ġużeppi Caruana assigurah li kien se joqgħod miegħu u jgħinu f'dak kollu li jkollu bżonn, huwa aċċetta u f'Mejju ta' l-1984 John Pace beda x-xogħol ta' l-irħamar u l-induratura.

## Il-Gallarija

Proposta oħra kuraġġuża kienet li l-gallarija ssir tal-kewba. Hekk kien jixraq għall-planċier tagħna, gallarija bil-ballavostri u arkati ddur dawra mejt mal-planċier. Id-disinn huwa ta' l-Imgħallem Leli u xogħol sar minnu stess u t-tifel tiegħu Ronnie.

## Il-Brazzi

Fuq suġġeriment tal-President Joe Attard ġie deċiż li d-dwal ta' mad-dawra tal-planċier isiru forma ta' brazzi u l-Pittur Touissant Busuttil, ħejja d-disinji. Charles Desira lesta l-forom tal-brazzi bil-*conduit*, kull brazz b'seba' friegħi. Id-dekorazzjoni tagħhom saret mill-aħwa Vella tan-Naxxar. Charles Desira u Alex Vella lestew ix-xogħol taż-żebgħa waqt li Salvu Caruana lesta x-xogħol ta' l-elettriku. Is-sena 1984 kienet waslet biex tintemm.

## Leġiji tal-Bandisti

Issa konna dħalna fid-dritta. Iżda bħal f'kull tellieqa hawn tkun trid in-nifs. Hawn sibna l-għajnuna siewja ta' Ġużeppi Caruana u Ninu Spiteri li daħlu għall-bosta xogħol li kien jonqos. Il-ħeġġa tagħhom għenitna nlestu fil-ħin.

Bl-għajnuna ta' Carmelo Mercieca, Lorry Camilleri u Joe Bilocca, Ġużeppi Caruana u Ninu Spiteri qabdu jaħdmu fuq ix-xogħol tal-leġiji tal-bandisti, l-arbli tal-brazzi, il-barrikati u xogħlijiet oħra. Hadu ħsieb li jiżbgħu kollox u mal-leġiji tal-bandisti ħadmu n-noti tal-mużika ta' l-Innu Malti kif imħejjija mis-Surmast Direttur John J. Pace.

## Inawgurazzjoni

Issa kollox kien lest. Kien jonqos il-festa ta' l-inawgurazzjoni. Is-sena 1985 kienet sena ddedikata lill-mużika. Naturalment ridna data fis-sajf u sibna li fit-tielet Ħadd ta' Ġunju ma kienx hemm festi titulari. Kienet issir biss il-festa sekondarja tal-Ġilju ta' l-Imqabba. Għalhekk għażilna din id-data, it-22 ta' Ġunju. Kellha tkun data propizja fl-istorja ta' l-Għaqda Banda Żejtun. Għall-inawgurazzjoni mill-E.T. il-President tar-Repubbika Agatha Barbara tħejjiet ġimgħa festi u naturalment il-Banda Żejtun esegwiet programm vokali strumentali mill-aqwa, fil-lejla ta' l-inawgurazzjoni.

## Mro. John J. Pace u l-Banda Żejtun

Mro. John J. Pace ngħaqad ma' l-Għaqda Banda Żejtun bħala surmast direttur f'Settembru 1984. Kemm ilu jokkupa din il-kariga, il-Banda Żejtun kisbet suċċess wara l-ieħor, suċċessi li għamlu unur lilu u lill-banda tagħna.

Fit-22 ta' Ġunju 1985, għall-inawgurazzjoni tal-planċier artistiku tal-Banda Żejtun, Mro. John J. Pace ħejja programm korali-strumentali mill-aqwa. Is-siltiet mill-*Prince Igor* u *Turandot*, bis-sehem tal-kor polifoniku Collegium Musicum, is-Sopran Mary Galea u t-Tenur Andrew Sapiano saħħru lill-mijiet preżenti, u l-memorji għadhom friski f'moħħ kulħadd. Il-banda interpretat ukoll *B'Saħħet il-Ħaddiem*, sinfonija mill-isbaħ li Mro. John J. Pace ikkompona għall-okkażjoni.

Għal dan il-programm tal-Banda Żejtun, il-bandisti kellhom uniformi ġdida li żżanżnet fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' l-istess sena. L-uniformijiet kienu nqatgħu mill-baned Maltin u l-Banda Żejtun reġgħet inkoraġġiet baned oħra jagħmlu l-istess.

## Kunċert Sinfoniku fil-Knisja Arċipretali – It-Tlieta 12 ta' Novembru 1985

Waħda mill-proposti tas-Surmast Direttur ġdid John J. Pace kienet li l-Banda Żejtun tesegwixxi kunċert fil-knisja arċipretali tal-parroċċa tagħna. Fi Frar tas-sena 1985 sirna nafu mingħand l-Arċipriet

ir-Rev. Joe Bugeja li kien se jispiċċa, li hu kien ħareġ permess lill-Għaqda Mużikali Beland biex tesegwixxi programm fil-knisja nhar it-Tlieta tat-Tniebri tal-Ġimgħa Mqaddsa. Naturalment il-kumitat ta' l-Għaqda Banda Żejtun talab li l-Banda Żejtun ikollha l-istess opportunità. Għall-ewwel il-kumitat kellu disgwid fuq id-data, iżda fuq parir tal-President Joe Attard, qablu li l-aħjar data għal kunċert fil-knisja tkun lejla tat-tridu tal-festa titulari.

Hekk għalaqna s-sena Ewropea tal-Mużika bil-kbir. Il-Banda Żejtun, esegwiet programm korali-sinfoniku fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun armata u mżejna għall-festa. Kienet okkażjoni grandjuża li għadha waħda mill-aktar memorji sbieħ għal dawk kollha li ffullaw biex imlew kull rokna tal-knisja. Il-qofol tal-kunċert sinfoniku kienet l-interpretazzjoni maestuża tat-*Toccata* u *Fuga in Re minore*, ta' J.S. Bach, b'akkumpanjament tad-daqq ta' l-orgni tal-knisja mill-Organista Żejtuni Joe Caruana. Spikkat ukoll Antifona ta' Santa Katerina ta' Carlo Diacono, li sena wara, Mro. John J. Pace rranġa bħala l-innu għall-banda, kor u solisti.

## Konkors Nazzjonali

Iżda l-akbar okkażjoni tas-Surmast John J. Pace mal-Banda Żejtun kienet ir-rebħ tal-Konkors Nazzjonali tal-Baned Maltin f'Diċembru 1986, li sar fit-Teatru Manoel. Id-direzzjoni impekkabbli u l-interpretazzjoni mill-aqwa ta' l-għażla mill-opera *Carmen* kif ukoll tas-sinfonija *B'Saħħet il-Ħaddiem* wassluna għar-rebħ tal-konkors, l-akbar tijonf li jista' jkollha banda Maltija fuq livell nazzjonali.

## Festi f'Għeluq il-55 Sena

Fis-sena 1988 l-Għaqda kienet deċiża, li akkost ta' kollox ma tiehux sehem fil-festa titulari sakemm tibqa' fix-xitwa. Għalhekk il-president tal-kumitat hasbu biex joħolqu okkażjoni għall-marċ brijuż u programm fuq il-planċier, fil-jiem tas-sajf. Ħabat tajjeb li 1988 kienet għeluq il-55 sena ta' l-Għaqda! Naturalment reġa' ntgħażel ix-xahar ta' Ġunju.

Il-festi ta' għeluq il-ħamsa u ħamsin sena mit-twaqqif tal-każin tagħna reġgħu offrew lil Mro. John J. Pace u lill-Organista Joe Cruana opportunità biex jikkolaboraw flimkien b'mod mill-aktar kreattiv u oriġinali. Is-Sibt 4 ta' Ġunju 1988 il-Banda Żejtun esegwiet programm korali-strumentali ieħor mill-aqwa, bis-sehem tas-Sopran Mary Rose Ciantar, it-Tenur Andrew Sapiano, il-Baritonu Joe Fenech, il-Kor Amici Cantus u l-Kor Santa Katerina taż-Żejtun. Dan il-kunċert sar fuq il-planċier artistiku li ntrama fil-pjazza għall-okkażjoni. F'żewġ partijiet tal-programm, waqt l-għażla mit-*Torvaore* u l-*Cavalleria Rusticana*, il-banda u l-koristi kienu akkumpanjati mill-orgni tal-knisja parrokkjali.



*L-Organista Joe Caruana.*

Bosta inqas riedu jemmnu lil widnejhom u ħafna jsibuha bi tqila biex jifhmu kif sar dan l-akkumpanjament minn ġol-gallarija ta' l-orgni fil-knisja, waqt li l-banda kienet qed idoqq fil-pjazza. Ftit jafu li Joe Caruana huwa tekniku mill-aqwa tas-sistema ta' l-*audio*, u bl-inkoraġġiment tal-President is-Sur Joe Attard u Mro. John J. Pace irnexxielu jilħaq l-għan tiegħu u ħaddem sistema ta' *microphones* u *speakers* li għaqqdu l-banda fil-pjazza ma' l-orgni tal-knisja f'sinkronizzazzjoni perfetta.

## Irridu Festa fis-Sajf

Ta' kull sena, fil-ġimgħa ta' wara l-festa kont tisma' bosta tgergir. "Fiż-Żejtun m'għandniex festa bħal bliet u rħula oħra! Aħna dejjem bix-xita!" Iżda wara ħmistax kollox kien jintesa u kulħadd kien jittama li s-sena ta' wara jkollna temp aħjar, li qatt ma kien jiġi.

Joe Attard, il-president, idejqu t-tgergir u kien jinsisti li mill-paroli għandna ngħaddu għall-fatti. Kien lest li jibda l-kampanja biex nitrasferixxu l-festa għas-sajf iżda għamel kundizzjoni waħda: **"irridu nkunu flimkien, iż-żewġ Għaqdiet Mużikali Żwieten, l-Għaqda Banda Żejtun u l-Għaqda Mużikali Beland. Jekk ma niftehmux m'għandna għalfejn nċaqilqu xejn. Naf fejn irridu naslu iżda rridu nkunu flimkien."**

Kien sod fi kliemu daqskemm kien ċar fi ħsiebu. Il-pressjoni fuq il-president u l-kumitat żdiedet wara l-inawgurazzjoni tal-planċier artistiku fl-1985. Il-membri kienu għamlu kuraġġ ukoll bl-Arċipriet Dun Ġużepp Theuma, billi kellu għal qalbu l-festa.

## Ix-xoqqa f'moxtha

Iċ-ċans li ż-żewġ Għaqdiet Mużikali Żwieten jersqu flimkien ġie meta l-Kunsill Presbiterjali ma laqax it-talba biex l-Għaqda Mużikali Beland iddoqq programm mużikali fil-knisja parrokkjali fil-ġimgħa tal-festa kif kienet għamlet il-Banda Żejtun f'Novembru 1985.

Il-President Joe Attard, bl-approvazzjoni tal-kumitat, sostna li t-talba ta' l-Għaqda Mużikali Beland għandha tiġi aċċettata. Dan sar f'laqgħa li ż-żewġ Għaqdiet kellhom fis-6 ta' April ta' l-1986.

**Fil-verità kienet ġiet ix-xoqqa f'moxtha biex inressqu t-talb għat-trasferiment tal-festa. Fit-22 ta' Ottubru, waqt laqgħa oħra ma' l-Għaqda Mużikali Beland, Joe Attard u Joe Agius is-Segretarju ressqu proposta formali biex fl-aġenda tal-laqgħa ma' l-isqof inressqu t-talb għat-trasferiment tal-festa. Insistejna wkoll li jrid ikun preżenti l-Arċipriet Dun Ġużepp Theuma. U l-Għaqda Mużikali Beland qablu. Issa konna ta' l-istess fehma u stajna nersqu flimkien. Il-laqgħa fil-Kurja saret nhar il-31 ta' Ottubru, 1986.**

ZEJTUN
29 ta' Gunju, 1987

Lill- E. T. Mgr. G. Mercieca
Arcisqof Metropolita,
Kurja Arciveskovili,
Floriana.

Eccellenza,

B'riferenza ghall-laqgha li kellna fil-Kurja nhar il- 31 ta' Ottubru, 1986 mal-Vigarju Mgr. Carmelo Xuereb bhala rapprezentant ta' l-Eccellenza tieghek, il- Vigarju kien talab lir-Reverendu Arcipriet Dun Guzepp Theuma jgghmel zewg rikorsi:

a) wiehed dwar akkademji muziko/letterarji mill-Ghaqda Muzikali Beland u mill-Ghaqda tal-Banda Zejtun, fil-Knisja Arcipretali taz-Zejtun,
b) l-iehor dwar it-trasferiment tal-Festa ta' Sta. Katerina.

Nixtiequ nkunu nafu, fl-aqsar zmien possibli, jekk dawn ir-rikorsi sarux u x'decizjonijiet ittiehdu dwar dan.

Dr. Alexander Cachia Zammit
President
Ghaqda Muzikali Beland

Joseph N. Attard
President
Ghaqda tal-Banda Zejtun

kopja: Rev. Arcipriet Dun Guzepp Theuma.

*L-ittra li nkitbet miż-żewġ presidenti flimkien*

CIRKULARI NRU. 180

Lill-Wisq Rev.di Arciprieti, Kappillani, Retturi tal-Knejjes u Superjuri Religjuzi.

Dan l-ahhar kiber hafna n-numru ta' dawk is-Socjetajiet Kulturali u Muzikali li qeghdin jitolbu lill-Kappillani tal-Parrocci taghhom biex jorganizzaw kuncerti fil-Knejjes Parrokkjali jew anki fi Knejjes filjali.

Wara li gew mistharga l-inkonvenjenti li dawn jistghu jgibu maghhom il-Kurja fehmet li twaqqaf din l-usanza fejn diga bdiet; u li ma thallix li tidhol fejn ghad ma nghata qatt il-kaz.

Mid-data tal-publikazzjoni ta' din ic-Cirkulari, l-organizzaturi ta' kuncerti muzikali, ta' 'pageants' u ta' kull xorta ta' esibizzjoni kemm fil-Knisja kif f'ambjenti li jservu ghall-hidmiet pastorali jistghu jkunu biss il-Kappillani mal-Presbiterju tieghu.

Mahruga mill-Kurja ta' l-Arcisqof, Floriana, illum 12 ta' Awissu 1987.

Carmelo Xuereb
Vigarju Generali

CURIA ARCHIEP. MELITENSIS

Annetto Depasquale
Kancellier

*Id-digriet li waqqaf il-kunċerti fil-knejjes mill-baned. Wara dan, iż-żewġ għaqdiet mużikali Żwieten ftiehmu li ma jeħdux sehem fil-festa f'Novembru 1987.*

## Trasferiment tal-Festa

Wara li fl-1987 iż-żewġ Għaqdiet Mużikali Żwieten ma ħadux sehem fil-festa titulari, l-Għaqda Banda Żejtun reġgħet għamlet l-istess fl-1988. L-Għaqda Mużikali Beland baqgħet issostni dwar it-trasferiment , iżda ddeċidew li jieħdu sehem fil-festa f'Novembru, 1988. Il-pressjoni fuq il-president, kumitat u soċi ta' l-Għaqda Banda Żejtun issa kienet akbar iżda xorta waħda, kulħadd fl-Għaqda kien tal-fehma li nibqgħu nsostnu l-pożizzjoni tagħna sa l-aħħar.

F'din is-sitwazzjoni l-kumitat, fit-30 ta' Ottubru 1988, ħareġ pubblikazzjoni bil-fatti u d-dokumenti kollha, li tqassmet fil-familji kollha taż-Żejtun. Siltiet minn din il-pubblikazzjoni jitkellmu waħidhom.

## Festa Novembru 1988

Id-data tal-festa ta' Santa Katerina V.M. fiż-Żejtun fl-1988, kienet il-Ħadd 13 ta' Novembru. F'ċertu sens l-Għaqda Banda Żejtun, issa kienet weħida għalkemm il-każin tal-Partit Laburista u ż-Żejtun Corinthians F.C. ukoll iddikjaraw li ma kinux qed jipparteċipaw fil-festa.

# IT-TRASFERIMENT TAL-FESTA

FATTI U DOKUMENTI

PUBBLIKAZZJONI GĦAQDA TAL-BANDA ŻEJTUN

## X'IRRIDU... X'MA RRIDUX

**l-Għaqda tal-Banda Żejtun, għat-tieni sena konsekuttiva, mhux ser tieħu sehem bl-ebda mod fil-festa ta' din is-sena.**

Iż-Żwieten kollha jafu bil-kontribut siewi li l-Għaqda tal-Banda Żejtun tagħti għall-festa ta' Sta. Katerina. Aħna nagħtu l-akbar sehem fil-festi ta' barra.

Dan qed insemmugħ mhux biex niftaħru iżda biex infakkru.
Dan is-sehem irridu nibqgħu nagħtuh.
Irridu norganizzawh aħjar biex jitgawda aktar.
Irridu li s-sagrifiċċju li nagħmlu aħna u dawk kollha li jagħtu sehem għall-festa fuq barra ma jsirux għalxejn.

Ma rridux li dawn il-flejjes u dawn is-sagrifiċċji jsiru suf.
Ma rridux li x-xogħol kollu li jsir f'sena itir kollu mar-riħ u max-xita.
Ma rridux aktar nobbligaw bandisti jibqgħu idoqqu fir-ragħad u fis-sajjetti, kif ġieli għamilna, għax flusna jkunu ħarġu xorta waħda.
Aħna nafu li kull min jikkontribwixxi u jaħdem għall-festa jifhimna.
Nafu wkoll li t-triq li kellna ngħaddu minna ma kinetx ħafifa. Iżda nafu kif ser naslu, għax ir-raġuni ma tridx forza.

Min irid ifixkilna ma jħobbx il-festa, iżda irid jisfida. Għalhekk l-appell tagħna hu li minkejja kull pressjoni li tista' tinqala' nżommu l-kalma u nħallu r-raġuni tirbaħ għax b'hekk naslu għal dak li rridu.

J. Aglus
Segretarju Għaqda tal-Banda Żejtun

30-10-1988

**GĦAQDA TAL-BANDA ŻEJTUN**

29 ta' Awissu 1988

Lill-E.T. Mgr. Ġ. Mercieca
Arċisqof Metropolita
Kurja Arċiveskovili
Floriana

Eċċellenza,

Il-Kumitat ta' l-Għaqda tal-Banda Żejtun jitlob li jgħarrfek li minkejja li l-Kleru ma għamel ebda pass dwar it-talba għat-trasferiment tal-Festa ta' Sta. Katerina, l-Għaqda tiegħi tiddikjara:

"Il-ħsieb, ix-xewqa u l-volontà tal-Kumitat, bandisti, soċi u sostenituri ta' l-Għaqda tal-Banda Żejtun huma li jagħtu kontribut sħiħ għall-festa ta' Santa Katerina V.M. Għalhekk b'xi mod ikunu jistgħu jiedhu sehem kemm-il darba jerġgħu jibdew taħditiet ma' l-Awtoritajiet konċernati dwar it-talba tagħhom għat-trasferiment tal-festa għall-bidu tas-sajf, u l-istess Awtoritajiet jagħtu xi forma ta' garanzija dwar dan."

Nittamaw li kull min għandu rieda tajba jaħdem biex il-festa ta' Sta. Katerina fiż-Żejtun terġa tiġi ċċelebrata bis-sehem tal-poplu kollu.

Nitolbu l-barka tiegħek.
Joe Agius
Segretarju

kopja lir.Rev. Arċipriet

*Siltiet mill-pubblikazzjoni li l-Għaqda Banda Żejtun ħarġet f'Ottubru ta' l-1988.*

## Trasferiment

Ir-raġuni ewlenija u unika għall-inkwiet kollu li kienet fih l-Għaqda Banda Żejtun u magħha ż-Żwieten kollha, kien it-temp. Matul il-ġimgħa tal-festa f'Novembru l-ajru xejn ma kien ikun galbu għall-festi esterni. Iżda skond ix-xjuħ tagħna qatt ma għamel temp daqstant kiefer daqs is-snin li l-Banda Żejtun ma ħaditx sehem fil-festa. L-aktar li kien ħażin għax għamel dulluvju kien is-Sibt 12 u l-Ħadd 13 ta' Novembru, 1988. Kollox kien qed isir nofs qalb u t-temp sfratta kollox.

Għalkemm xi ftit inqas, l-istess kien ġara fl-1987. Għal darba oħra l-Għaqda Banda Żejtun ingħatat raġun. Issa n-nies bdiet tgħid li anke Santa Katerina V.M. kienet iddejqet b'festa dejjem bl-isfrattu tat-temp! Hekk l-agħar kien għadda. Issa kienet biss kwistjoni ta' tattika. Il-president u l-kumitat kienu ferm attenti biex ma jagħmlu ebda pass falz.

## L-Element Puritan

Il-president u l-kumitat kienu ttendew li fi ħdan il-parroċċa kien hemm element żgħir fin-numru iżda b'saħħtu li l-festi esterni ma kienu jogħġbuhom xejn. Dan l-element kien konxju li l-festa esterna kienet tikber ferm jekk din issir fix-xhur tas-sajf u dawn għal raġunijiet tagħhom ma riduhx. Il-



*Il-pjazza nhar il-Festa – Novembru 1988.*



*Protesta mill-partitarji f'jum il-festa – 1998.*

> Mons. Vigarju talab l-idea ta' dawk presenti dwar il-possibilta' u l-mod kif tigi kkonsultata il-komunita parrokkjali fl-ispirtu tal-Koncilju Vatikan II, li jibbaza hafna t-tmexxija tal-knisja fuq il-korresponsabilita'.
>
> Dawk kollha presenti qalu li kien dan il-punt u l-mod kif gie mhaddem fil-passat dak li kkontribwixxa l-aktar biex s'issa ghadha ma nstabitx soluzjoni ghal din il-problema, li mhabba fiha indiviwi u socjatajiet batew u ghadhom ibatu sal-lum. Barra minn hekk huma jhossu li r-rappresentanza tal-komunita parrokkjali taz-Zejtun li ghandhom warajhom permezz tas-socjetajiet li huma jippresentaw, hija indikazzjoni sufficjenti tal-mod kif tahsibha l-komunita parrokkjali taz-Zejtun. Hawn hekk ir-rappresentanti taz-Zejtun Band Club qalu li ser jitilqu 'l barra mil-laqgha ghax hassew li dan il-punt ma kellux jissemma, u aktar u aktar ma kellhiex issir insistenza fuqu.
>
> Mons. Vigarju kompla jisma' lil dawk presenti li tawh stampa cara ta' dak li gara s'issa f'dan ir-rigward, u ragunijiet ohra ghall-urgenza ta' soluzzjoni immedjata ta' din il-problema. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal Mons. Vigarju hass li l-idea li l-komunita parrokkjali ghandha tigi konsultata permezz ta' sample xjentifiku ghalissa ahjar tigi imwarrba.
>
> Dun Gwann Galea
> Delegat Parrocci

*Parti mill-minuti tal-laqgħa fil-Kurja tat-2 ta' Marzu.*

president u l-kumitat għarfu jkunu prudenti iżda fl-istess ħin riżoluti li ma jħallu 'l ħadd ifixkel.

Kitbu żewġ ittri lill-Arċisqof. Fl-ewwel waħda dik tas-6 ta' Diċembru talbu l-intervent dirett tiegħu. Issa kienet il-waqt li jagħfsu għall-konklużjoni ta' din il-ġrajja. F'ittra oħra nhar id-29 ta' Diċembru 1988 fakkru lill-arċisqof fil-wegħda li kienet saret mill-arċipriet u l-kleru li wara l-festa ta' l-1988 kienu se jitkellmu ma' l-Għaqdiet Żwieten biex jinstab tarf tal-kwistjoni kollha. Din il-mossa rnexxiet u l-istorja kompliet hekk. Jirrankonta Joe Agius, is-Segretarju.

**11 ta' Frar 1989** – Il-Vigarju l-ġdid Mgr. Anetto Depasquale laqqa' l-arċipriet u l-kleru taż-Żejtun fil-kurja fejn ġiet miflija mill-ġdid it-talba għat-trasferiment tal-festa.

**27 ta' Frar** – Ħarġet l-istedina biex l-Għaqdiet Żwieten konċernati mal-festa niltaqgħu fil-kurja l-Ħamis 2 ta' Marzu sabiex niddiskutu l-kwistjoni.

**2 ta' Marzu** – Għal-laqgħa fil-kurja attendew rappreżentanti tal-Kunsill Parrokjali, l-Għaqda Badna Żejtun, l-Għaqda Mużikali Beland, Ċirkolu Mużikali Santa Katerina, Għaqda Dilettanti tan-Nar u l-Għaqda ta' l-Armar.

Il-fehma ġenerali kienet li minħabba l-inċertezza tat-temp ma kienx baqa' lok għall-festa f'Novembru u kulħadd qabel li għandha tinsab data ġdida għall-festa, jew fil-bidu inkella fi tmiem is-sajf. Wara, il-vigarju ppropona li ssir konsultazzjoni b'forma ta' *sampling* xjentifiku. Ir-rappreżentanti kollha kienu tal-fehma li dan kien diġà sar meta ġie organizzat ir-referendu, u r-riżultat globali kien wieħed negattiv. Deher li l-vigarju kien ippressat minn element mistur mill-parroċċa. Meta l-vigarju baqa' jinsisti dwar il-proposta tiegħu, id-delegazzjoni ta' l-Għaqda Banda Żejtun ħarġet 'il barra mil-laqgħa. B'din il-mossa rbaħna fuq l-element puritan.

**Il-Ħamis 16 ta' Marzu** – L-Għaqdiet Żwieten ġew mistiedna għal-laqgħa oħra fil-kurja biex nipproponu data ġdida għall-festa. Għalhekk l-Għaqdiet qablu li jkun aħjar li niltaqgħu qabel, biex immorru miftehma. Iltqajna fil-bini tal-knisja. Il-laqgħa tmexxiet b'għaqal kbir minn Dun Ġużepp Desira li kien qed jirrappreżenta lill-Arċipriet Dun Ġużepp Theuma li kien ma jiflaħx sew.

Wara diskussjoni fit-tul b'mod l-aktar dirett u ċar, ikkonkludejna li data f'nofs Settembru kienet toħloq problemi ta' maltemp, u fiċ-ċirkostanzi l-aħjar żewġ dati possibbli kienu: **fil-bidu tas-sajf, it-tielet Ħadd ta' Ġunju, jew fl-aħħar tas-sajf, l-aħħar Ħadd ta' Awissu**.

**18 ta' Marzu 1989** – Iltqajna l-kurja mal-Vigarju Ġenerali Mgr. Annetto Depasquale u s-Segretarju Dun Ġwann Galea. Dun Ġużepp Desira f'isem l-Għaqdiet Żwieten ippreżenta d-dati proposti minna u l-kurja stedinniha tagħżel hi l-aktar proposta favorevoli għal kulħadd jiġifieri bejn it-tielet Ħadd f'Ġunju jew l-aħħar Ħadd f'Awissu. Dun Anton Tabone li kien għadu kemm sar viċi-parroku rrappreżenta lill-kleru taż-Żejtun. Meta deher li kulħadd kien kuntent huwa intervjena u qal, "*aħna l-kleru għandna xi riservi.*" Xammejna li kien se jitħarbat kollox u l-President Joe Attard waqqfu ħesrem għax min kellu r-riservi kien messu tkellem qabel u mhux fl-aħħar meta kulħadd kien miftiehem!

Għalhekk il-vigarju f'isem l-Arċisqof Mgr. Ġużeppi Mercieca laqa' dawn il-proposti u wiegħed li jagħti deċiżjoni definittiva mill-aktar fis possibbli.

**6 ta' April 1989** – Konna nistennew li d-deċiżjoni titħabbar sa Ħadd il-Għid, jiġifieri fis-26 ta' Marzu, jew il-Ħadd ta' wara. Iżda saħħet l-Arċipriet, ir-Rev. Kan. Dun Ġużepp Theuma kienet marret għall-agħar. Kien ġie infurmat bl-iżviluppi kollha u kien sar jaf bil-ftehim propost. Il-mewt tiegħu, li niktet liż-Żwieten kollha ġrat fis-6 ta' April. Aħna konvinti, li kien għalih kien jirranġa l-kwistjoni mill-ewwel.

**14 ta' April 1989** – Fl-aħħar tħabbar id-digriet li stabilixxa *il-Ħadd qrib in-nofs tax-xahar ta' Ġunju li fih l-aktar ikun possibbli li tiġi ċċelebrata din il-festa,* bħala d-data l-ġdida tal-festa ta' Santa Katerina fiż-Żejtun. Dan id-digriet kellu jibda jseħħ mis-sena 1990. Għalhekk l-aħħar festa f'Novembru saret fis-sena 1989.

CURIA ARCHIEPISCOPALIS
MELITEN

DIGRIET

B'riferenza ghat-talba tal-mibki Arcipriet, ir-Rev. Kan. Dun Gusepp Theuma, u tal-Kleru tal-Parrocca taz-Zejtun biex tigi studjata mill-gdid id-data tal-festa tal-patruna tal-parrocca, Sta. Katerina Vergni u Martri, rajna d-dati alternattivi li pproponew ir-rappresentanti tal-Kleru w ir-rappresentanti tal-Kunsill Parrokkjali, Beland Band Club, Zejtun Band Club, Circolo Musicale Sta. Caterina, Ghaqda Dilettanti tan-Nar u Ghaqda tal-Armar.

Id-data ta' l-ahhar Hadd ta' Awissu ma tidhirx konvenjenti ghar-raguni li f'dik id-data ma tkunx possibbli l-esekuzzjoni tal-muzika tal-Kappella Diacono, li kif nafu hi hafna ghall-qalb tal-parruccani taz-Zejtun.

'L-eqreb Hadd lejn in-nofs ta' Gunju li jkun possibbli ' johloq ukoll xi diffikultajiet ghall-Ghaqda Dilettanti tan-Nar u ghall-Ghaqda tal-Armar, izda bhal ma stqarru dawn l-istess Ghaqdiet dawn id-diffikultajiet jistghu jigu meghluba.

Ghaldaqstant, wara li studjajna x-xewqat li gew ippresentati lilna mir-rappresentanti tal-Kleru u tal-Ghaqdiet hawn fuq imsemmija, ahna naghzlu bhala data tal-festa titulari tal-Parrocca taz-Zejtun, Sta. Katerina Vergni u Martri, il-Hadd qrib in-nofs tax-xahar ta' Gunju li fih l-aktar ikun possibbli li tigi celebrata din il-festa.

Dan id-Digriet jibda jsehh mis-sena 1990.

Moghti mill-Kurja ta' l-Arcisqof, Floriana, illum 14 ta' April 1989.

Kancellier — Annetto Depasquale, Vigarju Generali

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Concordat cum originali
die 15 Aprilis 1989
Alfred Muscat
Vice Cancellarius

*Id-digriet li ħabbar it-trasferiment tal-festa.*

**12 ta' Novembru 1989** – Billi data mhux fissa għall-festa f'Ġunju setgħet tkun ta' disgwid, wara ħidma mill-arċipriet il-ġdid ir-Rev. Dun Karm Farrugia u ż-żewġ Għaqdiet Mużikali Żwieten u bi qbil mal-kleru, tħabbar li data ġdida tal-festa f'Ġunju kellha tkun waħda fissa għat-tielet Ħadd f'Ġunju. Għalkemm qatt ma nsistejna li din tkun bilfors id-data tal-festa ta' Santa Katerina fiż-Żejtun, din kienet id-data preferita ta' l-Għaqda Banda Żejtun. Id-destin ried li fl-aħħar kulħadd qabel ma' din id-data.

**18 ta' Novembru 1989** – Saret l-aħħar festa f'Novembru. Biex nibqgħu konsistenti mad-deċiżjoni li konna ħadna f'Marzu ta' l-1987. L-Għaqda Banda Żejtun reġgħet ma ħaditx sehem fil-festa. Fil-fatt it-temp għat-tielet sena konsekuttiva reġa' ma kienx galbu. Tħassru l-attivitajiet esterni u għalkemm il-purċissjoni saret bil-ġiri, daħlet fix-xita.

**17 ta' Ġunju 1990** – Saret l-ewwel festa fis-sajf. Għalkemm kien għad baqa' xi wħud li baqgħu sentimentalment marbuta mad-data tal-festa f'Novembru, u dawn aħna dejjem fihmnihom, il-kotra qablet li din kienet svolta 'l quddiem mill-akbar għall-ġid taż-Żwieten kollha. Is-Segretarju Joe Agius għalaq din il-ġrajja hekk.

***Sa ma wasalna għall-ftehim aħħari stinkajna u ġieli batejna. Iżda qatt ma nkiseb xejn mingħajr sagrifiċċju. Illum ninsabu magħqudin lkoll fi ħsieb wieħed. Irridu naħdmu lkoll flimkien, arċipriet, kleru u l-Għaqdiet Żwieten kollha, sabiex il-festa ta' Santa Katerina tħalli l-akbar ġid possibbli għaż-Żwieten kollha.***

## Bandalora Artistika u Prezzjuża

Wieħed mill-effetti ewlenin tat-trasferiment tal-festa għas-sajf kienet spinta kbira 'l quddiem għat-tiżjin ta' kull xorta. Veru li bandalora artistika tinżamm l-aktar ġewwa iżda din tintrama fuq il-planċier waqt il-programm vokali u strumentali u tinġarr trijonfalment fil-marċ li l-Banda Żejtun tesegwixxi qabel il-programm. Kien xieraq li l-Għaqda Banda Żejtun ikollha l-bandalora artistika u prezzjuża tagħha.



*Dun Karm Farrugia, dak iż-żmien Arċipriet taż-Żejtun, waqt il-preżentazzjoni u d-dedikazzjoni tal-bandalora artistika fl-20 ta' Ġunju 1992 lejlet il-Festa.*

Lawrence Bartolo li kien dak iż-żmien kaxxier tas-Soċjetà ħalla miktub hekk.

*Kien għall-bidu ta' l-1989 meta jien flimkien ma' Joe Abela u Anthony Delia, iddeċidenja li nħeġġu lill-membri u partitarji numerużi ta' l-Għaqda tagħna biex nirregalaw lill-każin bandalora artistika. Konna nafu li deħlin għal biċċa xogħol iebsa iżda konna żgur li se nsibu l-għajnuna, għaliex konna nafu li din kienet ix-xewqa ta' bosta membri u ħbieb ta' l-Għaqda Banda Żejtun. Konna nafu wkoll li n-nefqa kienet se tkun kbira għax kulħadd xtaq li jkollna bandalora fl-aqwa tradizzjoni artistika, maħduma b'rakkmu tad-deheb bi kwarniċjun tal-fidda. Iżda konna lesti li nagħmlu kollox bil-qalb u kif jixraq.*

*Konsulent għal dan ix-xogħol kien il-Pittur Żejtuni Toutsaint Busuttil, filwaqt li d-disinjatur kien is-Sur J. Treeby li lesta sa Awissu ta' l-1989.*

*Is-Sinjura Emmanuela Galea mill-Imqabba, għamlet ix-xogħol kollu tar-rakkmu li nbeda f'Marzu ta' l-1990 u tlesta f'Mejju ta' l-1991. Kemm il-bellus aħmar kif ukoll l-ornamenti tal-ħjut tad-deheb, antaċċjoli u fjokki nxtraw minn Ruma.*

*Fl-istess żmien konna qed naħsbu biex jinbeda x-xogħol fuq il-kwarniċjun tal-fidda li miegħu tiddendel il-bandalora. Din hi sengħa oħra artiġjanali li f'pajjiżna hawn ftit min baqa' jaħdem fiha. Wara konsultazzjoni l-ftehim għal dan ix-xogħol sar mas-Sur John Bartolo arġentier mill-Isla. Id-disinn sar ukoll mis-Sur J. Treeby u s-Sur Bartolo beda x-xogħol ta' l-immartellar tal-fidda f'Diċembru ta' l-1991 u tlesta f'Mejju ta' l-1992. B'hekk ix-xogħol fuq il-bandalora kien komplut minn kollox.*

*Fl-20 ta' Ġunju 1992, proprju lejlet l-festa, il-bandalora artistika ġiet ippreżentata lill-President ta' l-Għaqda, is-Sur Joe Attard, li rċiviha għan-nom ta' l-Għaqda Banda Żejtun. Din kieent opra oħra ta' ġieħ lill-Għaqda Banda Żejtun u liż-Żwieten kollha. Bil-preżentazzjoni tal-bandalora fuq il-planċier artistiku twattqet ħolma oħra tagħna lkoll.*

***ikompli f'paġna 67***

# Baned Mistiedna (Festa 2003)

## Società Filarmonica Nazionale La Valette

**Programm ta' Marċi**
***li se jindaqqu fil-festa ta' Santa Katerina V.M. Żejtun***

**15 ta' Ġunju 2003**

| | |
|---|---|
| 110 Anniversary | A. Mizzi |
| Madrid-Paris-Vienne | G. Camilleri |
| Gallant | V. Ciappara |
| Jacqueline | D. Darmanin |
| Cas-Sim | J.M. Sammut |
| El Matador | J. Theuma |
| Ang-Mich | J. Sammut |
| Fiorella | A. pace |
| Rio Grande | J. Azzopardi |
| Joyful Feast | M. Micallef |
| Doctor Gentium | E. Bugeja |
| Marcia San Paolo No. 5 | C. Botti |
| Marcia San Paolo | C. Botti |

## Società Filarmonica L-Unjoni, Luqa

**Programm ta' Marċi**
***li se jindaqqu fil-festa ta' Santa Katerina V.M. Żejtun***

**11 ta' Ġunju 2003**

| | |
|---|---|
| L'Appasionata | J. Abel Scolaro |
| Valley of Roses | Ch. Zammit |
| Wenzinos | A. Aquilina |
| La Senora Rita | A. Aquilina |
| Golden Jubilee | J. Theuma |
| Coronation | J. Azzopardi |
| Pablito | A. Mizzi |
| Ta' Smith (Bernardette) | R. Pisani |
| Viva l-Patrun | J.D. Zammit |
| The Blue Banner | L. Bongailas |
| Kulħadd Magħna | Em. Brincat |
| L-Ewwel Direttur | D. Agius |
| Il-Famuża Koppla | W. Attard |

Mill-1995 sas-sena 2000, l-Għaqda Banda Żejtun baqgħet tkabbar l-attività tagħha. Il-Millenju l-ġdid ġab miegħu entużjażmu ġdid fost is-soċi kollha, kemm anzjani kif ukoll żgħażagħ, u din is-sena li fiha qed niċċelebraw is-70 Anniversarju, hija awgurju għal aktar xogħol u ħidma b'riżq l-Għaqda Banda Żejtun u ż-Żwieten.



## Kumitat Ċentrali Sezzjoni Nisa

*Quddiem: Jessie Attard u Maria Agius.*
*Wara: Emanuela Caruana, Ġuża Baldacchino u Antonia Bonavia.*



*Tħejjija ta' l-uniformi l-ġdida (April 2001)*



*Is-Sindku u President Joe Attard, jilqa' lir-Rev. Arċipriet Dun Alfred Vella qabel iċ-ċerimonja tal-pussess (1997)*



*Sala Kumitat.*



*'Foyer' fid-dħul ta' Sala Fundaturi.*